

Brussell, 7 ta' Settembru 2022  
(OR. en)

12199/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0281(COD)**

---

**ECOFIN 847  
CODEC 1262  
RELEX 1148  
COEST 637  
NIS 20  
FIN 900**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur   |
| data meta waslet: | 7 ta' Settembru 2022  |
| lil:              | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2022) 557 final   |
| Suġġett:          | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-Fond ta' Proviżjonament Komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 557 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 557 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.9.2022  
COM(2022) 557 final

2022/0281 (COD)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-Fond ta' Proviżjonament Komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Din il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-UE tipprovdi aktar assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali (AMF) lill-Ukrajna ta' EUR 5 biljun f'self, filwaqt li tarma l-baġit tal-UE bil-mezzi biex tassorbi r-riskju ta' telf fuq dan is-self addizzjonali u fuq is-self tal-AMF ta' EUR 1 biljun adottat fit-12 ta' Lulju 2022. Barra minn hekk, taħseb ukoll li testendi l-istess protezzjoni baġitarja għall-iżborż ta' self tal-Mandat ta' Self Estern (External Lending Mandate, ELM) diġà ffirmat lill-awtoritajiet Ukreni u lill-entitajiet tal-Istat Ukren wara l-15 ta' Lulju 2022.

- Kuntest Ġenerali

L-appoġġ tal-UE għall-Ukrajna huwa inkorporat f'relazzzjoni b'saħħitha fit-tul. L-Ukrajna ilha tiżviluppa sħubija b'saħħitha mal-UE mill-2014, li tmur lil hinn minn sempliċi kooperazzjoni bilaterali biex tevolvi lejn assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika gradwali. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (FA) bejn l-UE u l-Ukrajna, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017 u li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (Deep and Comprehensive Free Trade Area, DCFTA), kien l-għodda ewlenija biex l-Ukrajna u l-UE jinġiebu eqreb lejn xulxin. Minbarra l-promozzjoni ta' rabtiet politiċi aktar profondi, rabtiet ekonomiċi aktar b'saħħithom u r-rispett għall-valuri komuni, il-Ftehim ipprova qafas solidu għat-twettiq ta' aġenda ta' riforma ambizzjuża, iffukata fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, sistema ġudizzjarja indipendenti, l-istat tad-dritt, u klima kummerċjali aħjar. L-UE wriet appoġġ kontinwu għar-riformi strutturali sinifikanti tal-Ukrajna, li huma kruċjali biex jiġu attirati l-investimenti, tingħata spinta lill-produttività u jogħlew l-istandards tal-għajxien fuq terminu medju u twil. Wara l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-UE u l-għoti tal-*istatus* ta' pajjiż kandidat, il-kooperazzjoni mal-Ukrajna hija mistennija li tapprofondixxi aktar hekk kif il-pajjiż jimxi 'l quddiem fit-triq Ewropea tiegħu<sup>1</sup>.

L-iżvilupp ekonomiku fit-tul tal-Ukrajna u l-enfasi fuq l-orjentazzjoni lejn ir-riforma tal-Ukrajna jiffaċċjaw sfidi sinifikanti ħafna minn meta r-Russja invadiet il-pajjiż fl-24 ta' Frar 2022 f'att bla preċedent ta' aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata. Minbarra t-tbatija umana, il-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa kontra l-Ukrajna kkawżat ħsara konsiderevoli lill-infrastruttura fiżika tal-pajjiż (toroq, pontijiet, fabriki, eċċ.) u lill-bini residenzjali u komunalijiet tiegħu (unitajiet ta' akkomodazzjoni, skejjel, sptarijiet, eċċ.). Il-ġlied ikkawża wkoll eżodu uman enormi, b'aktar minn 8 miljun persuna spostata internament u aktar minn 6 miljun refuġjat. L-istimi tal-impatt ġenerali fuq l-ekonomija, f'termini ta' telf tal-produzzjoni fl-2022 u produzzjoni futura mitlufa minħabba l-qerda tal-kapital u l-migrazzjoni tax-xogħol, ivarjaw f'mijiet ta' biljuni. Fl-2022 biss, il-PDG tal-Ukrajna huwa mistenni li jonqos b'bejn 30 % u 50 %, li jfisser telf ulterjuri ta' aktar minn EUR 100 biljun, minbarra l-qerda tal-kapital fiżiku.

Minbarra li kkawżat ħsara enormi lill-ekonomija, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna kkawżat li s-sovran jitlef l-aċċess għas-swieq kapitali internazzjonali. In-nuqqas ta' finanzjament sottostanti li rriżulta fil-bilanċ tal-pagamenti ġie stmat mill-awtoritajiet u l-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) f'Ġunju 2022 li laħaq madwar USD 39 biljun għall-2022 kollha. Fil-valutazzjoni inizjali tal-FMI, l-Ukrajna tista' tiffinanzja USD 9 biljun ta' dan id-

---

<sup>1</sup> L-Ukrajna applikat uffiċjalment għas-sħubija fl-UE fit-28 ta' Frar 2022, erbat ijiem wara l-invażjoni Russa, u nġhatat *status* ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew fit-23 ta' Ġunju 2022.

distakk permezz ta' prelevament sikur fuq ir-riżervi internazzjonali uffiċjali tagħha li ma jheddidx l-istabbiltà makrofinanzjarja tagħha<sup>2</sup>.

L-impenji bilaterali u multilaterali ta' appoġġ finanzjarju mwieġhda lill-Ukrajna fil-kuntest tal-laqgħa tal-Ministri tal-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G7 f'Petersberg fit-18-20 ta' Mejju laħqu kważi USD 20 biljun. Filwaqt li dawn l-impenji huma kruċjali biex jiġi appoġġat il-funzjonament tal-istat Ukren, anki l-iżborż sħiħ u fil-pront tagħhom ikun ifisser diskrepanza residwa mhux koperta ta' madwar USD 10 biljun tal-ħtiġijiet ta' finanzjament stmati mill-FMI. Ir-rilaxx ta' parti mdaqqa tal-bqija tal-AMF eċċezzjonali jipprovdi għajjnuna sinifikanti addizzjonali u jgħin biex ikopri parti minn dan in-nuqqas.

B'riflessjoni tad-distakk imdaqqa bejn l-impenji u l-iżborżi, fost kwistjonijiet oħra, ir-riżervi internazzjonali tal-pajjiż naqsu bl-ekwivalenti ta' USD 8,5 biljun fl-ewwel seba' xhur tal-2022 u kienu madwar USD 22,3 biljun sal-aħħar ta' Lulju (li jkopru madwar 3,5 xhur ta' importazzjonijiet futuri), u b'hekk ħallew biss riżervi limitati ħafna għall-ġbid ta' riżervi għall-bqija tas-sena (b'USD 20 biljun li spiss jitqiesu bħala livell kritiku ta' riżervi meħtieġa biex tiġi żgurata l-istabbiltà makroekonomika fil-pajjiż). F'dan il-kuntest dejjem aktar diffiċli, fil-21 ta' Lulju, il-bank ċentrali tal-Ukrajna (NBU) żvaluta l-hryvnia b'25 % kontra d-dollaru Amerikan, filwaqt li żamm ir-reġim tar-rata tal-kambju fissa. Dan il-pass kien akkumpanjat minn miżuri addizzjonali biex tiġi minimizzata d-domanda għal munita barranija<sup>3</sup>.

L-Ukrajna nediet ukoll, fil-21 ta' Lulju, solleċitazzjoni formali ta' kunsens dwar is-sospensjoni tas-servizz tad-dejn kummerċjali tagħha mill-inqas sa tmiem l-2023. Din l-inizjattiva ta' sospensjoni tas-servizz tad-dejn, li ntlaqgħet u ġiet appoġġata minn intenzjoni li jsir l-istess minn kredituri uffiċjali bilaterali ewlenin, b'mod partikolari l-Grupp tal-Kredituri tal-Ukrajna<sup>4</sup>. Hija ttiprovdi għal kontribuzzjoni importanti biex tgħin lill-Ukrajna timmaniġġa l-likwidità tagħha u hija mistennija li ttiprovdi aktar għajjnuna baġitarja.

Min-naħa tal-UE, ħafna Stati Membri pprovdedew għotjiet u wiegħdu aktar self u garanziji, bilateralmment jew permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. Is-self bilaterali pprovdut sa issa mill-Istati Membri tal-UE huwa ta' natura konċessjonali u fih element konsiderevoli ta' għotja meta tiġi applikata l-metodoloġija stabbilita tal-OECD għall-kalkolu tal-element tal-għotja tal-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp.

L-UE nnifisha pprovdiet EUR 2,2 biljun lill-Ukrajna fil-forma ta' self tal-AMF matul l-2022. EUR 1,2 biljun ta' AMF ta' emerġenza ġew żborżati f'Marzu u Mejju u EUR 1 biljun oħra ta' AMF eċċezzjonali ġew żborżati fl-1 u t-2 ta' Awwissu<sup>5</sup>. Dan tal-aħħar huwa l-ewwel parti tal-appoġġ eċċezzjonali tal-AMF sa EUR 9 biljun li tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju dwar l-Għajjnuna u r-Rikostruzzjoni tal-Ukrajna u approvat mill-Kunsill Ewropew fit-23-24 ta' Ġunju 2022. Iffaċċjata bid-diskrepanza ġenerali kbira fil-finanzjament, l-UE ħabbret id-determinazzjoni tagħha li tagħmel kontribuzzjoni mdaqqa għall-

<sup>2</sup> Kif ikkonfermat mill-FMI lill-Kummissjoni Ewropea f'ittra ta' valutazzjoni li waslet fit-3 ta' Ġunju 2022.

<sup>3</sup> L-ewwel nett, l-NBU ppermettiet lill-banek ibiġħu munita barranija mingħajr flus kontanti bil-għan li jiddepożitaw l-ammont għal mill-inqas tliet xhur mingħajr id-dritt ta' terminazzjoni bikrija. It-tieni, ġew imposti limiti aktar stretti għall-ġbid ta' flus permezz ta' kard ta' munita barranija kif ukoll għal trasferimenti u pagamenti barra mill-pajjiż. It-tielet, l-algoritmu għall-kalkolu tal-pożizzjonijiet miftuħa tal-FX tal-banek ġie adattat u se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2022.

<sup>4</sup> Il-Grupp ta' Kredituri tal-Ukrajna jinkludi l-Kanada, Franza, il-Ġermanja, il-Ġappun, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti tal-Amerka. Osservaturi għall-Grupp jinkludu l-Awstralja, l-Awstrija, il-Belġju, il-Brażil, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Irlanda, Iżrael, l-Italja, il-Korea, in-Netherlands, in-Norveġja, Spanja, l-Iżvezja, u l-Iżvizzera.

<sup>5</sup> Il-pagament uniku tal-AMF eċċezzjonali sa EUR 1 biljun ġie ffinalizzat f'żewġ porzjonijiet fuq jumejn konsekuttivi sabiex tiġi ottimizata r-rata medja tal-imgħax fuq il-fondi mislufa.

finanzjament tal-ħtiġijiet ta' finanzjament li fadal tal-Ukrajna għall-2022 kollha. L-urġenza għar-rilaxx ta' fondi sinifikanti sa tmiem is-sena hija enfasizzata aktar mill-fluss limitat ta' appoġġ finanzjarju internazzjonali mwieġhed għar-raba' trimestru<sup>6</sup>.

Wara s-sejħa mill-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju u minħabba l-urġenza tal-ħtiġijiet ta' finanzjament fuq terminu qasir tal-Ukrajna, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat l-ewwel proposta għal AMF eċċezzjonali sa EUR 1 biljun, li ġiet zborzata kompletament f'żewġ porzjonijiet fl-1 u t-2 ta' Awwissu 2022. Biex isir progress fit-twassil ta' dak il-pakkett ta' appoġġ eċċezzjonali, il-Kummissjoni Ewropea tippreżenta din il-proposta għal AMF eċċezzjonali oħra ta' EUR 5 biljun f'self lill-Ukrajna. Il-bqija ta' EUR 3 biljun tal-AMF eċċezzjonali mħabbra sa EUR 9 biljun se jiġu pprovduti malajr kemm jista' jkun.

Minbarra l-għoti ta' appoġġ dirett, f'Lulju 2022 il-Kummissjoni Ewropea qablet li tagħti skop ġdid ta' EUR 1,59 biljun f'self mhux żborżat ipprovdut bil-Mandat ta' Self Estern (ELM), li minnhom EUR 1,05 biljun jistgħu jiġu żborżati mill-BEI matul it-tielet kwart tal-2022 bħala appoġġ għall-awtoritajiet Ukreni u EUR 536 miljun ta' self tal-BEI li għandhom jiġu żborżati fi stadju aktar tard bl-għan li jerġgħu jibdedw il-proġetti magħżula. Dan minbarra s-EUR 668 miljun li l-Kummissjoni u l-BEI kienu diġà qablu li jagħtu skop ġdid f'Marzu 2022 u li ġew żborżati fi żmien xahar mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja.

Is-self tal-AMF u s-self tal-ELM bi skop ġdid jiġu flimkien ma' ħafna tipi oħra ta' appoġġ mill-UE, b'mod partikolari l-għajnuna umanitarja, l-assistenza għall-iżvilupp u d-difiża, is-suspensjoni tad-dazji tal-importazzjoni kollha fuq l-esportazzjonijiet Ukreni għal sena u inizjattivi oħra ta' solidarjeta', pereż. l-indirizzar tal-konġestjonijiet fit-trasport sabiex l-esportazzjonijiet, b'mod partikolari taċ-ċereali, ikunu jistgħu jiġu żgurati<sup>7</sup>.

Barra minn hekk, dan il-programm estensiv ta' appoġġ tal-UE huwa parti mill-isforz internazzjonali straordinarju minn donaturi bilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex jappoġġaw lill-Ukrajna f'dan l-istadju kritiku, u fi triqtha lejn rikostruzzjoni aktar fit-tul.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tar-riskju elevat ta' skoperturi finanzjarji għall-Ukrajna, din il-proposta tiċċara l-mezzi baġitarji li huma meħtieġa biex jirfdu l-għoti ta' self eċċezzjonali addizzjonali tal-AMF għal ammont ta' EUR 5 biljun u l-iżborż ta' self tal-ELM bi skop ġdid.

- Elementi ewlenin ta' din il-proposta

(1) In-natura eċċezzjonali ta' din l-operazzjoni tal-AMF

Minħabba ċ-ċirkostanzi bla preċedent tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, din l-AMF eċċezzjonali hija differenti mill-operazzjoni regolari tal-AMF billi toffri aktar flessibbiltà f'diversi aspetti. In-natura konċessjonali tal-assistenza tissaħħaħ permezz ta' maturità medja oġhla tas-self sa 25 sena u l-possibbiltà li l-baġit tal-UE jkopri r-rati tal-imgħax u l-pagamenti tat-tariffi amministrattivi. Barra minn hekk, fil-kuntest attwali u għall-kuntrarju tal-operazzjonijiet regolari tal-AMF, l-AMF eċċezzjonali proposta sa EUR 5 biljun mhijiex marbuta formalment ma' programm ta' żborż tal-FMI.

<sup>6</sup> Il-Ministeru tal-Finanzi tal-Ukrajna, f'kollaborazzjoni mal-FMI, jistenna li l-appoġġ baġitarju fir-raba' trimestru ġie żgurat biżżejjed minn impenji sodi ta' donaturi se jkun kemxejn oġhla minn 2 biljun dollaru.

<sup>7</sup> Is-sit web [https://eu-solidarity-ukraine.ec.europa.eu/eu-assistance-ukraine\\_en](https://eu-solidarity-ukraine.ec.europa.eu/eu-assistance-ukraine_en) jagħti ħarsa ġenerali lejn l-isforzi intensifikati mill-UE.

Memorandum ta' Qbil (MtQ), li għandu jiġi miftiehem mal-awtoritajiet Ukreni, jippreżenta d-dettalji relatati mar-rilaxx tal-pagamenti parzjali tas-self. Minbarra l-kundizzjonijiet ta' politika magħżula li magħhom se jkunu marbuta l-iżborżi taħt din it-tieni parti tal-AMF eċċezzjonali lill-Ukrajna, dan il-MtQ se jirrikjedi wkoll l-użu tas-sistemi ta' rapportar stabbiliti fil-kuntest tal-ewwel parti tal-AMF eċċezzjonali. Il-miżuri ta' politika magħżula li magħhom huwa marbut l-iżborż tal-assistenza se jkunu kemm rilevanti għall-kwistjonijiet l-aktar kritiċi kif ukoll proporzjonati għal dak li jista' jinkiseb fl-istadju attwali fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejjja bħalissa kontra l-Ukrajna. Permezz tas-sistema ta' rappurtar, il-MtQ futur jenfasizza trasparenza u responsabbiltà msaħħa fir-rigward tal-użu tar-riżorsi baġitarji (inklużi l-fondi riċevuti minn din l-assistenza). Tista' tinkludi wkoll valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati, b'mod partikolari tal-infrastruttura kritika bħat-toroq, il-ferroviji, l-isptarijiet, l-iskejjel, u l-akkomodazzjoni. L-azzjonijiet ta' politika biex jittejjbu r-reżiljenza u l-istabbiltà tal-pajjiż, fil-qasam tal-governanza u l-istat tad-dritt, u fis-settur tal-enerġija mill-AMF ta' emerġenza ta' EUR 1,2 biljun, żborżati f'Marzu u Mejju 2022, u li ma tlestewx minħabba *force majeure*, jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll, fejn xieraq<sup>8</sup>.

(2) Kunsiderazzjonijiet baġitarji u ta' ġestjoni tar-riskju

Dan il-pakkett ta' self eċċezzjonali tal-AMF irid iqis id-daqs u l-profil tar-riskju akbar tal-iskoperturi tal-UE għall-Ukrajna, kif ukoll ir-restrizzjonijiet partikolari ffaċċjati mill-baġit tal-UE fl-istadju attwali. Madankollu, huwa previst ukoll li s-self se jiġi pprovdut fuq termini konċessjonali ħafna (maturità medja sa 25 sena), filwaqt li joffri wkoll solliet f'terminu qasir lill-Istat Ukren billi jeħles mill-piż li jagħmel ħlasijiet lura tar-rata tal-imgħax - mill-inqas għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali. Filwaqt li tqis dawn id-diversi kunsiderazzjonijiet, din il-proposta tirrifletti l-karatteristiċi li ġejjin:

a. Kapaċità ta' assorbiment tat-telf ogħla proporzjonata ma' riskju ta' kreditu ogħla

B'mod simili għad-Deċiżjoni reċenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tadotta AMF eċċezzjonali sa EUR 1 biljun f'self<sup>9</sup>, il-pakkett propost ta' self lill-Ukrajna fiċ-ċirkostanzi preżenti jippreżenta riskji elevati ta' nuqqas ta' ħlas lura potenzjali meta mqabbel ma' self standard tal-AMF. Ir-rata ta' proviżjonament ta' 9 % li ġeneralment tiġi applikata għal pajjiżi li qed jiffaċċjaw kriżi fil-bilanċ tal-pagamenti mhijiex adegwata wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. Wara li qieset l-isfidi li qed tiffaċċja l-Ukrajna u l-probabbiltà li ggarab telf, din il-proposta tipprevedi li hija meħtieġa kopertura baġitarja ta' 70 % biex jiġi żgurat il-baġit tal-UE kontra kontinġenzi futuri. Din ir-rata għolja ta' proviżjonament bħalissa hija meqjusa meħtieġa biex jitrażżan ir-riskju implikat minn din l-AMF eċċezzjonali addizzjonali lill-Ukrajna, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Fuq din il-baży, il-kopertura ta' 70 % tirrappreżenta politika prudenti u konservattiva ta' mitigazzjoni tar-riskju li hija meħtieġa biex isserraħ moħħ l-investituri li l-ammonti investiti f'bonds tal-UE li jiffinanzjaw is-self eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna, se jitħallsu lura b'mod sħiħ u fil-ħin.

<sup>8</sup> Filwaqt li t-twettiq tal-kundizzjonijiet ta' politika marbuta mal-AMF ta' emerġenza ġie mfixxkel miċ-ċirkostanzi tal-gwerra, sadanittant l-awtoritajiet Ukreni xorta għamlu progress fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika marbuta mal-AMF ta' emerġenza, bħall-ħatra reċenti ta' kap ġdid tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjalizzat Kontra l-Korruzzjoni (Specialised Anti-corruption Prosecutor's Office, SAPO) fit-28 ta' Lulju.

<sup>9</sup> [Id-Deċiżjoni \(UE\) 2022/1201](#)

b. Il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-kopertura baġitarja meħtieġa permezz tal-garanziji tal-Istati Membri

Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali tfasslet biex tiggarrantixxi operazzjonijiet tal-AMF ta' madwar EUR 11-il biljun b'mod ġenerali, ipprovduti bir-rata ta' 9 %, minħabba li s-self tal-AMF jinvolvi riskju sovrani. Fuq din il-bażi, ġew allokati EUR 1 biljun f'dispożizzjonijiet fl-ipprogrammar finanzjarju għall-operazzjonijiet tal-AMF lil pajjiżi terzi mill-fondi previsti fl-Artikolu 31(5), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) 2021/947.

Il-biċċa l-kbira ta' dan il-proviżjonament diġà ġie allokat għal self tal-AMF lill-Ukrajna - inkluż is-self ta' emerġenza tal-AMF ta' EUR 1,2 biljun f'livell ta' 9 % (EUR 108 miljun ta' provvedimenti), u s-self eċċezzjonali reċenti tal-AMF ta' EUR 1 biljun f'livell ta' 70 % (EUR 700 miljun ta' provvedimenti). Konsegwentement, ir-riżorsi baġitarji tal-UE li jifdal mhumiex biżżejjed biex jipprovdur l-kopertura baġitarja meħtieġa biex jiġi pprovdut is-self addizzjonali ta' EUR 5 biljun għal 70 % tal-valur nozzjonali tagħhom.

Is-self tal-AMF l-ġdid propost jista' għalhekk jimxi biss b'mod finanzjarjament sod jekk l-Istati Membri jkunu lesti li jipprovdur l-kopertura baġitarja addizzjonali meħtieġa. Huwa propost li din il-kopertura tiegħi l-forma ta' garanziji, bl-ammonti mwieġħda minn kull Stat Membru kkalkulati fuq bażi pro-rata tad-DGN (Dħul Gross Nazzjonali). Permezz ta' dawn il-garanziji, l-UE tista' titlob l-ammonti meħtieġa biex tonora l-impenji ta' ħlas lura tagħha lid-detenturi tal-bonds, f'każ u sal-punt meħtieġ biex jiġi ssodisfat nuqqas fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni (Common Provisioning Fund, CPF) ikkawżat minn inadempjenza ta' pagament potenzjali mill-Ukrajna. L-Istati Membri ma jkollhomx għalfejn jipprovdur proviżjonament bil-quddiem fi flus kontanti u s-sejħa fuq il-garanziji sseħħ biss f'każ ta' inadempjenza ta' pagament mill-Ukrajna li kellha tnaqqas il-proviżjonament iddedikat li huwa disponibbli fis-CCPF. Il-garanziji huma wkoll rispons xieraq minħabba n-natura kontinġenti u inċerta tat-telf potenzjali. Kif indikat hawn fuq, is-self ikun strutturat b'tali mod li jimmassimizza l-ċansijiet li l-Ukrajna tkun irkuprat biżżejjed biex tkun tista' tonora r-ripagamenti tagħha b'mod sħiħ.

Il-provvediment ta' garanziji tal-Istati Membri huwa teknika li ntużat fil-kuntest tar-Regolament dwar l-Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (Support to mitigate Unemployment Risks in an Emergency, SURE)<sup>10</sup>, bħala bażi biex jiġi żgurat li l-UE jkollha biżżejjed kapaċità baġitarja biex tassorbi t-telf mistenni fuq is-self tagħha lill-Istati Membri. Madankollu, għall-kuntrarju tal-każ ta' SURE, li kien ikkundizzjonat fuq id-dħul fis-seħħ tal-garanziji kollha, minħabba l-urġenza estrema tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna, is-self eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna jista' jsir disponibbli qabel ma jidħlu fis-seħħ il-ftehimiet ta' garanzija nazzjonali individwali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri jekk ikun hemm impenn sod fost l-Istati Membri li dawn ikunu se jsiru malajr kemm jista' jkun.

c. Il-massimizzazzjoni tas-sinerġiji bejn il-proviżjonament tal-UE u l-garanziji tal-Istati Membri

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19.

Sabiex jiġu ġestiti bl-aħjar mod sitwazzjonijiet fejn id-dispożizzjonijiet baġitarji tal-UE u l-garanziji tal-Istati Membri jistgħu jintalbu biex jiżguraw ħlasijiet lura lill-investituri tal-bonds tal-UE, huwa propost li jiġi ġestit is-self eċċezzjonali reċenti tal-AMF ta' EUR 1 biljun, żborżat fl-1 u t-2 ta' Awwissu 2022, u s-self addizzjonali ta' EUR 5 biljun minn din l-inizjattiva bħala sett integrat ta' skoperturi għal ammont ta' EUR 6 biljun. Bl-użu ta' dan l-approċċ, il-baġit tal-UE se jipprovdi protezzjoni kontra l-ewwel telf għal 9 % tal-pakkett sħiħ ta' EUR 6 biljun f'self. Dan jissaħħaħ mill-garanziji tal-Istati Membri għal 61 % oħra tal-valur tas-self.

Il-ġestjoni taż-żewġ settijiet ta' self tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali flimkien b'dan il-mod għandha l-implikazzjonijiet li ġejjin.

- Id-dispożizzjonijiet ippjanati mill-baġit tal-UE li għandhom jintużaw esklużivament biex jintlaħqu s-EUR 6 biljun ta' pretensjonijiet potenzjali li jirriżultaw minn skoperturi ġodda relatati mal-Ukrajna se jammontaw għal EUR 540 miljun. Dan l-ammont imdaqqs (li għandu jidher aktar permezz ta' dispożizzjonijiet għal self tal-ELM bi skop ġdid - ara hawn taħt) se jipprovdi riżerva sinifikanti għall-ġestjoni tal-ħtiġijiet ta' ripagament f'każ li l-Ukrajna ma tkunx tista', temporanjament jew b'xi mod ieħor, tissodisfa l-obbligi ta' pagament tagħha lejn l-UE. Riżerva ta' dan id-daqs tista' sservi bħala l-ewwel saff effettiv ta' protezzjoni f'każ li l-Ukrajna tonqos milli tagħmel pagamenti lill-UE, u tista' ddewwem il-ħtieġa li jintalbu l-garanziji tal-Istati Membri. Dawn il-provvedimenti ta' EUR 540 miljun jistgħu jinżammu f'kompartment iddedikat tas-CPF. Dan jippermetti r-rilaxx ta' EUR 160 miljun ta' provvedimenti mill-EUR 700 miljun diġà allokati għas-self ta' EUR 1 biljun tal-ewwel parti tal-pakkett eċċezzjonali tal-AMF.
- Sabiex il-kopertura baġitarja tinġieb għal-livell meħtieġ ta' 70 %, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu garanziji baġitarji għall-61% li jifdal tal-pakkett sħiħ ta' EUR 6 biljun ta' self eċċezzjonali tal-AMF. Il-volumi li għandhom jiġu garantiti mill-Istati Membri jammontaw għal total ikkombinat ta' EUR 3,66 biljun. Dawn il-garanziji jintalbu biss jekk l-ammonti miżmuma bħala provvedimenti fil-kompartment speċifiku tas-CPF iddedikat AMF Ukrena kellhom jiġu eżawriti. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu riżorsi mingħajr kundizzjonijiet u immedjatement bi tweġiba għal talba tal-Kummissjoni li tirriżulta minn nuqqas potenzjali tal-Ukrajna li tissodisfa l-obbligi ta' pagament tagħha. Billi l-Istati Membri ma jipprovdux flus bil-quddiem, il-garanziji baġitarji miftiehma mill-Istati Membri jirrappreżentaw obligazzjonijiet kontinġenti. Il-garanziji huma t-tieni saff ta' protezzjoni għall-investituri fil-bonds tal-UE li jiffinanzjaw is-self eċċezzjonali tal-AMF.

Dan l-approċċ jeħtieġ xi bidliet zġhar fit-test tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201<sup>11</sup> dwar is-self eċċezzjonali tal-AMF ta' EUR 1 biljun. Din il-proposta tippreżenta dawn il-bidliet.

d. Kopertura tal-ispejjeż tar-rata tal-imgħax mill-baġit tal-UE

Il-baġit tal-UE jista' jġarrab l-ispejjeż tar-rata tal-imgħax li jirriżultaw mis-self ta' Lulju ta' EUR 1 biljun fil-QFP attwali, jekk mitlub mill-Ukrajna u soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi baġitarji. Billi tassumi l-ispejjeż tar-rata tal-imgħax, l-UE tipprovdi għajnuna finanzjarja addizzjonali lill-Ukrajna u tillimita u tidifferixxi wkoll ir-riskju ta' nuqqas ta' ripagament potenzjali tal-kapital għall-mument tal-iskadenza tas-self jew tal-inadempjenza potenzjali. Il-Kummissjoni tista' tirranġa self b'maturità twila (il-maturità medja tkun ta' 25

<sup>11</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1).

sen) sabiex tipprovdi perjodu kemm jista' jkun twil biex l-Ukrajna terġa' lura għat-tkabbir, tibni mill-ġdid l-ekonomija tagħha f'konformità mal-perkors Ewropew tagħha u timmassimizza l-ċansijiet ta' ħlas lura sħiħ. Billi tistruttura l-obbligazzjonijiet b'dan il-mod, il-Kummissjoni Ewropea tista' wkoll tipprova ttaffi r-riskju ta' sejħiet għal parti mill-garanziji jew għall-garanziji kollha tal-Istati Membri. Sabiex jiġi estiż l-istess trattament għall-ispejjeż tar-rata tal-imgħax implikati mill-EUR 5 biljun addizzjonali ta' self eċċezzjonali tal-AMF, jeħtieġ li jiġu mobilizzati mezzi addizzjonali.

- e. Applikazzjoni ta' rata ta' proviżjonament ogħla għal self tal-ELM bi skop ġdid żborżat fit-Tielet Kwart tal-2022 u self tal-ELM li għad irid jiġi żborżat

Quddiem il-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament tal-Ukrajna, f'Lulju 2022 il-Kummissjoni Ewropea qablet li tagħti skop ġdid ta' EUR 1,59 biljun f'self tal-ELM tal-BEI lill-Ukrajna. EUR 1,05 biljun għandhom jiġu żborżati mill-BEI matul it-tielet kwart tal-2022. Il-BEI qed jippjana li jiżborża EUR 536 miljun oħra f'self fl-2022-23 sabiex jgħin fil-finanzjament tat-tkomplija ta' proġetti ta' investiment magħżula. Madankollu, billi dan huwa self lis-sovran Ukren (jew iggarantit minnu), dawn jinkorporaw l-istess livell ta' riskju bħas-self eċċezzjonali tal-AMF. Skont il-Ftehimiet ta' Garanzija tal-ELM, il-BEI għandu d-dritt li jitlob il-baġit tal-UE sal-ammont sħiħ ta' telf li jġarrab fuq dan is-self taħt il-garanzija tal-ELM. Għalhekk jenħtieġ, li jiġi ċċarat li l-istess approċċ prekawzjonarju jenħtieġ li japplika għal dawn l-iskoperturi u li d-dispożizzjonijiet addizzjonali rilevanti jenħtieġ li jitqiegħdu f'kompartiment komuni tas-CPF iddedikat għall-Ukrajna. Din il-proposta għalhekk, tippredvi l-estensjoni tar-rata ta' proviżjonament ta' 70 % għal dawn l-EUR 1,59 biljun ta' skopertura addizzjonali li tirriżulta minn self bi skop ġdid. Kwalunkwe żborż potenzjali ulterjuri ta' self tal-ELM bi skop ġdid lill-Ukrajna jkun soġġett għall-istess rata ta' proviżjonament (kif rieżaminata perjodikament) u bil-kundizzjoni li jinstabu riżorsi baġitarji għal tali proviżjonament.

Il-proviżjonament ta' 70 % għas-self tal-ELM ta' EUR 1,59 biljun se jiġi pprovdut mill-baġit tal-UE, se jkun irregolat mir-regoli dwar il-proviżjonament tar-Regolament Finanzjarju, mhux tal-GFEA u se jinżamm f'kompartiment separat tas-CPF.

Huwa propost li sakemm ma tinbidilx il-valutazzjoni tar-riskji assoċjati, kwalunkwe żborż ulterjuri ta' self tal-ELM lill-Ukrajna jkun kondizzjonali fuq is-sejba tar-riżorsa baġitarja għall-provvediment tal-iskoperturi għal 70 % tal-valur nozzjonali tagħhom filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet tal-Istrument NDICI Ewropa Globali.

- f. Rieżami tal-ħtiġijiet ta' proviżjonament għas-self tal-AMF u tal-ELM

Il-livell għoli ta' proviżjonament f'din il-proposta huwa ġġustifikat mill-fatt li l-Ukrajna bħalissa qed tittratta l-konsegwenzi militari, ekonomiċi u soċjali ta' kunflitt armat ewlieni. Jekk is-sitwazzjoni militari u ekonomika tal-Ukrajna tistabbilizza jew titjieb, dan il-livell ta' proviżjonament jista' ma jibqax meħtieġ. Din il-proposta għalhekk tippredvi rieżami regolari (ta' kull sitt xhur) ta' din ir-rata ta' proviżjonament, li tibda f'nofs l-2023 jew qabel jekk ikun xieraq. Dan ir-rieżami se japplika wkoll għall-proviżjonament għas-self ta' EUR 1 biljun li ngħata fuq il-bażi tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201,<sup>12</sup> u għall-proviżjonament eċċezzjonali ta' 70 % miżmum kontra s-self bi skop ġdid ta' EUR 1,59 biljun tal-ELM (ara hawn taħt). Minbarra dan ir-rieżami regolari, il-Kummissjoni tista' tivvaluta mill-ġdid ir-rata ta' proviżjonament fuq bażi *ad hoc*, b'mod partikolari jekk tkun iġġustifikata minn avveniment rilevanti notevoli.

<sup>12</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1).

## **(1) Implimentazzjoni tas-self tal-AMF**

Il-Kummissjoni se tirranġa biex tiżborża pagamenti parzjali tas-self eċċezzjonali tal-AMF bħala kwistjoni ta' urġenza wara li din il-proposta tkun ġiet adottata u l-formalitajiet kollha jkunu tlestew. Dawn jinkludu b'mod partikolari (i) l-impenn inekwivoku u unanimu mill-Istati Membri kollha biex jikkonkludu ftehimiet ta' garanzija, hekk kif jippermettu l-proċeduri nazzjonali tagħhom; u (ii) l-iffirmar tal-MtQ u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Self.

Din il-proposta tipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea se tipproċedi biex torganizza s-self immedjatament wara li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ, soġġett għal impenn ċar u inekwivoku mill-Istati Membri kollha li l-garanziji se jiġu pprovduti malajr kif jippermettu l-proċeduri nazzjonali. L-esperjenza tal-passat uriet li filwaqt li ħafna Stati Membri jistgħu jipprovdu garanziji fi żmien 2-3 xhur, dan jista' jieħu bejn 4 u 5 xhur biex jinkisbu s-sett sħiħ ta' garanziji. Dan ma jkunx kompatibbli mal-oġġettiv li jingħata appoġġ urġenti lill-Ukrajna. Il-Kummissjoni għalhekk tipprevedi - fuq bażi eċċezzjonali minħabba n-natura estrema tas-sitwazzjoni - li tirranġa s-self filwaqt li tirċievi l-garanziji b'mod parallel. F'dan il-każ partikolari, ir-riskju għall-baġit tal-UE huwa mmitigat minħabba li l-ebda avveniment ta' pagament (pagament tal-imġħax) ma huwa dovut għal perjodu twil ta' żmien. B'mod partikolari, l-ebda avveniment ta' pagament mhu se jkun dovut matul il-perjodu interim (4-5 xhur) qabel ma jkunu ġew riċevuti l-garanziji kollha. Fil-każ teoretiku li jseħħu avvenimenti mhux ta' pagament f'dan il-perjodu interim, il-proviżjonament imwarrab fis-CPF (u, jekk meħtieġ, il-prelevament temporanju ta' kompartimenti oħra tas-CPF) jista' jiġi mobilizzat biex jindirizza kwalunkwe nuqqas temporanju. Id-disponibbiltà tal-proviżjonament tas-CPF tfisser li hemm riżorsi ta' flus disponibbli biex jiġu żgurati l-pagamenti kollha dovuti lill-investituri tal-bonds tal-UE, anki jekk il-garanziji għadhom mhumiex kompletament fis-seħħ.

Għalhekk, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tirranġa s-self il-ġdid tal-AMF f'għadd żgħir ta' pagamenti rateali malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni u l-finalizzazzjoni tal-Ftehim ta' Self relatat. Huwa ta' importanza kbira li l-Istati Membri kollha jipprovdu l-garanziji baġitarji meħtieġa malajr kemm jista' jkun, u li jkun hemm impenn kollettiv biex dan il-proċess jitlesta malajr.

Biex twassal l-ammont sħiħ ta' massimu ta' EUR 9 biljun ta' AMF eċċezzjonali kif imħabbar fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rikostruzzjoni u l-Ħelsien tal-Ukrajna tat-18 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea qed taħdem mal-Istati Membri tal-UE fuq mekkaniżmu sod u ekwu għall-iżborż tal-bqija ta' EUR 3 biljun. Ladarba d-disinn ikun tlesta, il-Kummissjoni se timxi l-quddiem malajr bi proposta dwar l-ammont li jifdal ta' appoġġ.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

L-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa bażi ġuridika xierqa għall-assistenza finanzjarja mogħtija mill-Unjoni lil pajjiżi terzi. L-aggressjoni militari mhux ipprovokata u mhux ġustifikata mir-Russja teħtieġ l-għoti ta' assistenza finanzjarja addizzjonali lill-Ukrajna. Sabiex tissaħħaħ is-sostenibbiltà baġitarja ta' dawn il-miżuri, huwa meħtieġ ukoll li jiġi previst mekkaniżmu ta' garanziji mill-Istati Membri li se jsostni l-assistenza finanzjarja. Fiċ-ċirkostanzi attwali, daww il-garanziji huma parti indispensabbli li takkumpanja l-għajjnuna finanzjarja.

### **• Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettatt billi l-oġġettivi li terġa' tinkiseb l-istabbiltà makrofinanzjarja għal perjodu qasir fl-Ukrajna ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-

Istati Membri waħedhom u jistgħu jintlaħqu aħjar mill-UE. Ir-raġunijiet ewlenin huma r-restrizzjonijiet baġitarji li qed jiffaċċjaw fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex jiġu massimizzati l-iskala u l-effettività tal-assistenza, filwaqt li jiġi limitat il-piż fuq il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-Ukrajna, li hija mġebbda ħafna fiċ-ċirkostanzi attwali.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità: hija ristretta għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi taż-żamma tal-istabbiltà makrofinanzjarja fuq terminu qasir u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dak il-għan.

Kif identifikat mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-istimi mill-awtoritajiet u kkonfermat mill-FMI<sup>13</sup>, l-ammont tal-AMF eċċezzjonali proposta, flimkien mal-AMF ta' emerġenza diġà żborżata, jikkorrispondi l-aktar għal nofs id-diskrepanza finanzjarja residwa stmata għall-2022. Dan il-proporzjon huwa konsistenti mal-prattiki standard dwar il-qsim tal-piżijiet għall-operazzjonijiet tal-AMF (għal pajjiż bi Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-limitu massimu jkun ta' 60 % skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-8 ta' Ottubru 2002), filwaqt li titqies l-assistenza mwiegħda lill-Ukrajna minn donaturi bilaterali u multilaterali oħra.

Il-garanziji tal-Istati Membri, li għandhom jintalbu biss meta jkunu meħtieġa minn ċirkostanzi eċċezzjonali, jidhru l-aktar soluzzjoni effiċjenti minn perspettiva finanzjarja. Dan jevita li jkollhom jinsabu riżorsi addizzjonali fil-limiti massimi attwali tal-QFP, fejn l-ammonti kollha bħalissa qed jintużaw bis-sħiħ. Dan jevita wkoll li l-Istati Membri jkollhom jipprovdu fondi addizzjonali *ex ante* iżda jippermetti li l-ammonti jissejħu *ex post* jekk iseħħ telf potenzjali.

L-Istati Membri se jkunu meħtieġa biss li jagħmlu r-riżorsi disponibbli permezz dan l-istrument f'sett ristrett ta' ċirkostanzi stabbiliti fid-Deċiżjoni. B'mod partikolari, mhux se jkollhom jagħmlu trasferimenti ta' flus kontanti lejn l-UE immedjatament iżda biss meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għas-sejħiet ta' garanzija. Minħabba li r-ripagamenti jistgħu jiġu ssodisfati fl-ewwel istanza mid-dispożizzjonijiet tas-CPF, it-talbiet fuq il-garanziji x'aktarx li, jekk xejn, ikunu pjuttost infrekwenti u prevedibbli.

- **L-għażla tal-istrument**

Il-finanzjament tal-proġetti jew l-assistenza teknika la jkunu xierqa u lanqas suffiċjenti biex jindirizzaw l-oġġettivi makrofinanzjarji usa' ta' din l-AMF eċċezzjonali. Il-valur miżjud ewleni tal-AMF eċċezzjonali meta mqabbel ma' strumenti oħra tal-UE huwa li jittaffew ir-restrizzjonijiet finanzjarji esterni malajr u sal-punt meħtieġ. Dan jgħin biex jiġi żgurat qafas makrofinanzjarju stabbli, inkluż billi jippromwovi bilanċ ta' pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostnuta u aktar sostenibbli, f'qafas xieraq għar-reqwiziti ta' rappurtar u l-kundizzjonijiet ta' politika. Billi tgħin biex jiġi żgurat qafas ta' politika ġenerali xieraq, l-AMF tista' żżid l-effikaċja tal-miżuri ffinanzjati fl-Ukrajna permezz ta' strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE aktar iffokati. L-impatt fuq is-sostenibbiltà tad-dejn tal-pajjiż jitnaqqas bl-istabbiliment tal-operazzjoni b'mod konċessjonali ħafna, b'maturitajiet itwal u sussidju biex ikopri l-ispiża tal-imgħax. Il-provvediment malajr tal-ammont ferm meħtieġ u mdaqqas ta' appoġġ finanzjarju permezz tal-istruttura ferm konċessjonali tal-AMF għas-self jidher ġustifikat, b'mod partikolari minħabba l-limiti li l-komunità internazzjonali, inkluża l-UE, tiffaċċja biex tipprovdi finanzjament sostanzjali b'għotjiet.

---

<sup>13</sup> Kif ikkonfermat mill-FMI lill-Kummissjoni Ewropea f'ittra ta' valutazzjoni li waslet f'Ġunju 2022.

### 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Evalwazzjonijiet *ex post* tal-operazzjonijiet preċedenti tal-AMF lill-Ukrajna wrew li b'mod ġenerali kienu rilevanti ħafna f'termini tal-oġġettivi, tal-pakkett finanzjarju u tal-kundizzjonijiet ta' politika tagħha.

Dawn urew li kienu kruċjali biex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-indirizzar tal-problemi tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin biex tiġi stabbilizzata l-ekonomija u tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tagħha. Huma ppermettew ffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, u aġixxew bħala katalist għal appoġġ finanzjarju addizzjonali u l-fiduċja tal-investituri. Il-pakkett ta' kundizzjonalità tal-AMF kien kumplimentari mal-programm tal-FMI relatat u ħoloq effett politikament rinforzanti li kkontribwixxa għall-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-Ukrajna madwar riformi essenzjali, speċjalment f'oqsma mhux koperti minn programmi internazzjonali oħra ta' donaturi.

Ma kien hemm l-ebda rieżami riċenti tar-rati ta' proviżjonament applikati għall-portafolli tal-AMF u tal-faċilità ta' self tal-Euratom jew il-proviżjonament tal-garanzija baġitarja tal-mandat ta' self estern. Ir-rata ta' proviżjonament għall-AMF skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna ġiet ikkonfermata mill-ġdid għal 9 % meta għe adottat ir-Regolament 2021/947 (ir-Regolament NDICI-GE). Ir-Regolament tal-NDICI-GE jstabilixxi wkoll ammont massimu ta' proviżjonament għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna kollha kemm hi<sup>14</sup>. Rieżami tal-proviżjonament tal-assistenza makrofinanzjarja huwa skedat għall-2024. Filwaqt li l-AMF hija strument ta' kriżi min-natura tagħha, ir-riskji ta' self lil pajjiż fi gwerra jmorru ferm lil hinn mix-xenarji previsti meta għe adottat l-NDICI-GE. Għalhekk, hemm bżonn li jiġu adottati soluzzjonijiet imfassla apposta biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni urġenti inkwistjoni, fuq il-bażi tal-analiżi disponibbli.

- **Konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati**

Din l-AMF eċċezzjonali hija pprovduta bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali lill-Ukrajna. Fit-tħejjija ta' din il-proposta, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-FMI, mal-Bank Dinji u ma' donaturi oħra bilaterali (inklużi l-Istati Membri) u multilaterali, b'għarfien espert makrofinanzjarju sinifikanti, inkluż fir-rigward tal-ekonomija tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-Ukrajna.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Is-servizzi tal-Kummissjoni bbażaw din il-proposta fuq analiżi bir-reqqa, imwettqa f'kooperazzjoni mal-FMI u mal-istituzzjonijiet internazzjonali kompetenti, tal-ħtiġijiet finanzjarji u tas-sitwazzjoni makrofinanzjarja usa' tal-Ukrajna. Dan jinkludi diskussjonijiet fuq bażi regolari tal-aħħar projezzjonijiet tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna fil-fora internazzjonali, pereż. il-G7.

---

<sup>14</sup> Il-garanzija għall-azzjoni esterna tkopri l-operazzjonijiet tal-EFSD+ koperti minn garanziji baġitarji f'konformità, l-assistenza makrofinanzjarja u s-self lil pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (Euratom) 2021/948. L-Artikolu 31(4) tar-Regolament tal-NDICI-GE jstabilixxi l-ammont massimu ta' operazzjonijiet taħt il-garanzija għal azzjoni esterna għal EUR 53 448 800 000 u l-ammont massimu ta' proviżjonament għal EUR 10 000 000.

Is-servizzi tal-Kummissjoni impenjaw ruħhom ukoll f'diskussjonijiet mal-kontropartijiet tagħhom fid-dipartimenti tar-riskju tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali li għandhom skoperturi estensivi fl-Ukrajna. L-għan ta' dawn id-diskussjonijiet kien li jinftehem kif daww l-istituzzjonijiet se jagħmlu proviżjonament għal u jimmaniġġaw l-iskoperturi tagħhom għall-Ukrajna. Dawn id-diskussjonijiet urew sa liema punt l-approċċ istituzzjonali ta' kull istituzzjoni jiddependi fuq kif il-karta bilanċjali tagħha hija esposta għall-impatt tat-telf fuq l-iskoperturi tal-Ukrajna. Xi istituzzjonijiet jibbenefikaw minn kontrogaranziji sħaħ jew parzjali kontra l-iskopertura tagħhom jew jibbenefikaw minn forom oħra ta' salvagwardja (riżervi miżmuma mill-Ukrajna fil-FMI). Is-sitwazzjoni tal-UE, li ffinanzjat is-self tal-AMF permezz ta' self back-to-back, tisser li hija fis-sitwazzjoni unika li jkollha tiżgura fluss stabbli u prevedibbli ta' pagamenti lill-investituri tal-bonds tagħha skont skeda fissa u regolari fil-każ ta' flussi ta' pagamenti inadempjenti mill-benefiċjarji tas-self. Sabiex tkun tista' tipprovi AMF rapida u ulterjuri ta' daqs eċċezzjonalment kbir lil benefiċjarju wieħed fiċ-ċirkostanzi preżenti, filwaqt li żżomm il-mudell ta' finanzjament tagħha, l-Unjoni jeħtieġ li ssaħħaħ il-Fond ta' Proviżjonament Komuni b'garanziji addizzjonali mill-Istati Membri li jaġixxu bħala garanzija ta' kontinġenza għall-esponiment għall-Ukrajna.

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, is-servizzi tal-Kummissjoni se jwettqu matul l-implimentazzjoni tal-assistenza Valutazzjoni Operazzjonali (Operational Assessment, OA) taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Ukrajna sabiex jiżguraw li l-proċeduri fis-seħħ għall-ġestjoni tal-assistenza tal-programm, inkluża l-AMF, jipprovdu garanziji adegwati, filwaqt li jqisu wkoll iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Dan se jippermetti li tiġi aġġornata l-valutazzjoni preċedenti, li kkonkludiet li ċ-ċirkwiti u l-proċeduri finanzjarji fl-Ukrajna nstabu li huma bbażati u jaħdmu fuq prinċipji sodi u għalhekk jitqiesu xierqa għall-finijiet tal-AAMF.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-AMF tal-Unjoni huwa strument ta' emerġenza eċċezzjonali li għandu l-għan li jindirizza diffikultajiet severi fil-bilanċ tal-pagamenti f'pajjiżi terzi. B'mod aktar ġenerali, il-proposti tal-AMF tal-Kummissjoni jibnu fuq it-tagħlimiet mitgħallma minn evalwazzjonijiet *ex post* imwettqa fuq operazzjonijiet tal-passat fil-viċinat tal-UE. Din l-AMF eċċezzjonali se tgħin biex jittaffew il-ħtiġijiet ta' finanzjament għal terminu qasir tal-Ukrajna fiċ-ċirkostanzi straordinarji attwali. Ir-rekwiżiti ta' rapportar u l-kundizzjonijiet ta' politika marbuta ma' din l-AMF eċċezzjonali għandhom l-għan li jiżguraw l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-appoġġ. Jenħtieġ li din l-AMF eċċezzjonali tibni fuq il-kisbiet tas-sitt programmi tal-AMF mill-2015, inklużi l-aktar assistenza reċenti tal-COVID-19 u l-assistenza ta' emerġenza tal-AMF fil-bidu tal-2022.

Il-proposta ma teħtieġx Valutazzjoni tal-Impatt, billi l-assistenza makrofinanzjarja hija l-unika għażla ta' politika disponibbli biex tiġi indirizzata l-kwistjoni preżenti. L-użu ta' garanziji addizzjonali jsegwi valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju finanzjarju tal-obbligazzjonijiet pendenti.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta ma hijiex marbuta mal-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-pajjiżi li huma koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) huma eliġibbli għall-AMF. Prekundizzjoni għall-għoti tal-AMF hija li l-pajjiż eliġibbli jirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti u l-istat tad-dritt, u jiggwarantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

L-impenn imġedded ta' riforma u r-rieda politika mill-awtoritajiet Ukreni, b'mod partikolari kif muri mit-tlestija b'suċċess tal-kundizzjonalità tal-politika strutturali mehmuża mal-programm AMF ta' emerġenza tal-COVID-19 lill-Ukrajna, foqsmha ewlenin inklużi l-ġudikatura, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, huwa sinjal ċar pożittiv. Bl-istess mod, l-isforzi li saru biex jirfdu l-applikazzjoni tagħhom għal sħubija fl-UE, b'mod partikolari billi jipprovdu tweġiba elaborata għal żewġ kwestjonarji komprensivi u dettaljati ħafna, jibagħtu sinjal ċar tar-rieda tal-awtoritajiet li jsegwu, u jwettqu, l-aspirazzjonijiet Ewropej tal-Ukrajna. Mill-aggressjoni Russa, l-awtoritajiet tal-Ukrajna wrew grad impressjonanti ta' reżiljenza u baqgħu impenjati li jsegwu dawn ir-riformi b'mod trasparenti u f'konformità mal-istandards tal-UE. Għal dan il-għan, il-prekundizzjoni politika għal operazzjoni ta' AMF hija meqjusa bħala ssodisfata fil-preżent.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-fondi għal din l-AMF eċċezzjonali ta' EUR 5 biljun lill-Ukrajna se jiġu mislufa fis-swieq kapitali u mislufa lill-Ukrajna. Dan se jikkomplementa l-AMF eċċezzjonali ta' EUR 1 biljun lill-Ukrajna mogħtija skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201.

Sabiex jiġi protett il-baġit tal-Unjoni, iż-żewġ selfiet eċċezzjonali tal-AMF ta' ammont globali sa EUR 6 biljun lill-Ukrajna jenħtieġ li jibbenefikaw minn kopertura ta' 70 % magħmula minn proviżjonament imħallas ta' 9 % u garanziji eżerċitabbli mill-Istati Membri ta' 61 %. Il-proviżjonament imħallas meħtieġ (b'rata ta' 9 % tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna) se jiġi allokat taħt l-NDICI-GE, għal ammont totali ta' EUR 540 miljun (linja baġitarja 14 02 01 70 "NDICI-GE — Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni"). Madankollu, l-ambitu għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi baġitarji għal dan il-proviżjonament addizzjonali ogħla minn 9 % taħt il-limiti massimi attwali tal-QFP huwa limitat. Ir-rikors għal garanziji mill-Istati Membri huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jiġi pprovdut self ulterjuri tal-AMF lill-Ukrajna b'mod baġitarju sod u mingħajr ma tiġi mfixkla l-implimentazzjoni tal-QFP 2021-2027. Dan huwa r-raġunament għall-proposta li l-Istati Membri jipprovdu garanziji għal 61 % oħra tal-valur tal-EUR 6 biljun proposti f'self.

Il-kopertura kumplessiva għalhekk tibbenefika minn protezzjoni tal-ewwel telf bi proviżjonament imħallas ta' 9 % tal-EUR 6 biljun, segwit minn garanziji komplementari mill-Istati Membri li jkopru skoperturi sa EUR 3,66 biljun, jew 61 % tal-EUR 6 biljun ta' self tal-AMF u f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, kwalunkwe ammont residwu jkun kopert mill-baġit tal-Unjoni bħala obbligazzjoni kontinġenti.

L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna skont din id-Deċiżjoni se tiġi rranġata direttament mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, u mingħajr ma wieħed jistenna li jirċievi l-garanziji nazzjonali meħtieġa.

Minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġi organizzat self għall-Ukrajna matul l-2022, l-UE se tirranġa s-self qabel ma jkun fis-seħħ il-garanziji tal-Istati Membri. L-esperjenza tal-passat uriet li filwaqt li ħafna Stati Membri jistgħu jiprovdu garanziji fi żmien 2-3 xhur, dan jista' jieħu bejn 4 u 5 xhur biex jinkisbu s-sett sħiħ ta' garanziji. Id-dewmien ta' dan it-tul ta' żmien ma jistax jiġi indirizzat minħabba l-urġenza estrema tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni għalhekk tippredvi - fuq bażi eċċezzjonali minħabba n-natura estrema tas-sitwazzjoni - li tirranġa s-self filwaqt li tirċievi l-garanziji b'mod parallel.

Matul dan il-perjodu *interim*, l-investituri fil-bonds tal-UE ma jġarrbu l-ebda riskju ta' nuqqas ta' pagament mill-UE matul il-perjodu qasir qabel ma jiġu riċevuti l-garanziji kollha minħabba l-mod kif il-pakkett tas-self preżenti nbena. B'mod partikolari, l-ebda avveniment

ta' pagament mhu se jkun dovut matul il-perjodu interim (4-5 xhur) qabel ma jkunu għew riċevuti l-garanziji kollha. Fix-xenarju teoretiku li nuqqas ta' pagament kellu jseħħ fil-perjodu qabel ma jiġu riċevuti l-garanziji kollha, il-Kummissjoni Ewropea tista' tuża d-dispożizzjonijiet imwarrba għas-self tal-AMF u, jekk ikun meħtieġ, dispożizzjonijiet oħra miżmuma fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni tal-UE.

Jenħtieġ li l-Istati Membri jlestu l-proċeduri nazzjonali tagħhom biex il-garanziji jidħlu fis-seħħ bħala kwistjoni tal-akbar urġenza.

Il-garanziji jkunu jkopru ammonti li jmorru lil hinn mill-proviżjonament imħallas inizjali ta' 9 % tal-ammont tas-self skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201, li jiġu pprovduti mill-QFP kif previst fl-Artikolu 31(5) tar-Regolament NDICI-GE u l-ipprogrammar finanzjarju. Is-sejħiet se jkunu limitati għal sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' pagament mill-Ukrajna fuq is-self skont id-Deċiżjoni attwali u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u se jintużaw biex l-ewwel nett jissodisfaw l-obbligi tal-Unjoni u, kif xieraq, biex jimlew mill-ġdid il-kompartiment iddedikat relatat mal-Ukrajna fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni. Tali kontribuzzjonijiet jitqiesu għall-kalkolu tal-proviżjonament li jirriżulta mir-rata ta' proviżjonament imsemmija fl-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju, b'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 211(4) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mitluba mill-Istati Membri jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(a) (ii) tar-Regolament Finanzjarju biex jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri għall-proviżjonament tal-AMF, li huwa programm ta' għajnuma esterna ggarantit skont l-NDICI-GE.

Minħabba n-natura eċċezzjonali tal-assistenza makrofinanzjarja appoġġata mill-garanziji, huwa xieraq li l-obbligazzjoni finanzjarja tiġi koperta mill-AMF skont din id-Deċiżjoni u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 b'mod separat minn obbligazzjonijiet finanzjarji oħra skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. B'mod partikolari, huwa xieraq li l-proviżjonament imwarrab fis-CPF fir-rigward ta' din l-AMF jintuża biss għall-obbligazzjonijiet finanzjarji skont din id-Deċiżjoni, minflok ir-regola ġenerali tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament NDICI-GE.

L-istess kunsiderazzjonijiet ta' riskju japplikaw għas-self tal-ELM żborżat jew li għandu jiġi żborżat mill-BEI wara l-15 ta' Lulju 2022. Għalhekk, din il-proposta tipprevedi l-estensjoni tar-rata ta' proviżjonament ta' 70 % għal dak is-self, l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-proviżjonament tar-Regolament Finanzjarju, u mhux ir-regoli tal-GFEA u tipprevedi li d-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jinżammu f'kompartiment separat tas-CPF.

Barra minn hekk, is-sussidju fuq ir-rata tal-imgħax jenħtieġ li jiġi provdut kif deskritt hawn taħt, u jkun inkluż fl-envelop imsemmi fl-ewwel inċiż tal-punt (a) tal-Artikolu 6(2) tal-NDICI-GE matul il-perjodu 2021-27 tal-QFP. L-ispejjeż amministrattivi relatati mal-ġhotti u teħid b'self jiġu rrinunzjati u għalhekk ma jiġux irkuprati mill-Ukrajna. Dawn se jitħallsu mill-linji baġitarji amministrattivi rispettivi.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rappurtar**

L-Unjoni Ewropea għandha tqiegħed dan l-AMF eċċezzjonali għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna għal ammont totali ta' EUR 5 biljun, mogħtija fil-forma ta' self għal terminu twil. Din l-

assistenza, li hija ppjanata li tiġi żborzata f'diversi pagamenti, se tikkontribwixxi biex tkopri d-distakk fil-finanzjament estern residwu tal-Ukrajna fl-2022. L-ewwel pagament parzjali se jitħallas wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta u d-dħul fis-seħħ tal-MtQ korrispondenti, u hekk kif l-Istati Membri jindikaw b'mod unanimu l-qbil tagħhom li jlestu l-proċeduri nazzjonali tagħhom għall-preżentazzjoni ta' garanziji nazzjonali bħala kwistjoni tal-akbar urġenza.

L-iżborż ikun jiddependi wkoll fuq l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar kif miftiehem fil-MtQ. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mal-awtoritajiet nazzjonali biex timmonitorja l-iżviluppi rilevanti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti u tal-kundizzjonijiet kif miftiehem fil-MtQ.

L-assistenza tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet l-oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

- **Id-dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni ddettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Id-Deċiżjoni se tipprevedi wkoll qafas għall-garanziji mill-Istati Membri biex ikopru t-telf li jmur lil hinn mill-proviżjonament diġà mħallas fis-CPF jew previst fl-ipprogrammar finanzjarju tal-QFP 2021-27.

L-Artikolu 1 jippreżenta l-karatteristiċi ewlenin ta' din l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali.

L-Artikolu 2 jipprevedi l-konformità mal-prekundizzjonijiet politiċi meħtieġa għall-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja.

L-Artikolu 3 jipprevedi rekwiżiti ta' rapportar u monitoraġġ definiti b'mod ċar, kif ukoll kundizzjonijiet ta' politika li magħhom għandha tkun marbuta l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali ta' din l-Unjoni. Dawn ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil.

L-Artikolu 4 jipprevedi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iżborż ta' din l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali f'pagamenti multipli. Il-perjodu ta' żmien u l-kundizzjonijiet għall-iżborż ta' kull pagament għandu jiġi stabbilit fil-Memorandum ta' Qbil.

L-Artikolu 5 jippreżenta r-regoli għall-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti.

L-Artikolu 6 jispjega l-finanzjament tas-sussidju tar-rata tal-imgħax.

L-Artikolu 7 jippreżenta l-obbligi ta' rapportar tal-Kummissjoni quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, matul l-implimentazzjoni ta' din l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna.

L-Artikolu 8 jipprovdi dettalji dwar il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali.

L-Artikolu 9 jipprevedi l-istabbiliment ta' garanziji nazzjonali għal ammont globali ta' EUR 3,66 biljun mill-Istati Membri.

L-Artikolu 10 jipprovdi dettalji dwar il-ftehimiet ta' garanzija li l-Kummissjoni għandha tikkonkludi mal-Istati Membri.

L-Artikolu 11 jiddeskrivi l-proviżjonament fir-rigward tal-AMF koperti.

L-Artikolu 12 jipprevedi għat-tisħiħ tal-proviżjonament fir-rigward ta' xi obligazzjonijiet finanzjarji fl-Ukrajna garantiti bis-saħħa tad-Deċiżjoni 466/2014/UE

L-Artikolu 13 jipprevedi valutazzjoni tal-adegwatezza tal-proviżjonament u għal proċedura ta' rieżami.

L-Artikolu 14 jipprovdi dettalji kontabilistiċi dwar il-proviżjonament miżmum fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni.

L-Artikolu 15 jistipula li Kunitat għandu jassisti lill-Kummissjoni, f'konformità mal-proċeduri tal-Komitoloġija.

L-Artikolu 16 jagħti dettalji dwar l-eżerċizzju tad-delega.

L-Artikolu 17 jippreżenta l-obbligi ta' rappurtar tal-Kummissjoni quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul l-implimentazzjoni ta' din l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna.

L-Artikolu 18 fih l-emendi għad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201.

L-Artikolu 19 jiċċara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

## Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-Fond ta' Proviżjonament Komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>15</sup>,

Billi:

- (1) Ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna<sup>16</sup> (il- "Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), inkluż Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Fir-rebbiegħa 2014, l-Ukrajna bdiet programm ambizzjuż ta' riforma bil-għan li tistabbilizza l-ekonomija tagħha u ttejjeb l-għajxien taċ-ċittadini tagħha. Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll riformi kostituzzjonali, elettorali u ġudizzjarji huma fost l-oġġetti prijoritajiet fuq l-aġenda. L-implimentazzjoni ta' dawk ir-riformi kienet appoġġata minn programmi konsekuttivi ta' assistenza makrofinanzjarja, li taħthom l-Ukrajna rċeviet assistenza fil-forma ta' self għal total ta' EUR 6,6 biljun. L-assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza, li saret disponibbli fil-kuntest ta' tensjonijiet dejjem akbar fil-fruntiera mar-Russja skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>, ipprovdiet EUR 1,2 biljun f' self lill-Ukrajna, żborżat f' żewġ pagamenti parzjali ta' EUR 600 miljun f' Marzu u Mejju 2022. L-AMF eċċezzjonali sa EUR 1 biljun skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup> ipprovdiet appoġġ rapidu u urġenti għall-baġit tal-Ukrajna u ġiet żborżata bis-sħiħ fl-1 u t-2 ta' Awwissu 2022. Huwa rrappreżenta l-ewwel parti tal-pakkett eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna mħabbar mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha "L-Ukrajna: Għajnuna u Rikostruzzjoni" tat-18 ta' Mejju 2022 u approvata mill-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ġunju 2022. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi t-

<sup>15</sup> Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2022 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2022.

<sup>16</sup> Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3](#)).

<sup>17</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-24 ta' Marzu 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna ([ĠU L 55, 28.2.2022, p. 4](#)).

<sup>18</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna ([ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1](#)).

tieni stadju fit-twassil tal-impenn li jiġu pprovduti sa EUR 9 biljun f'assistenza tal-AMF lill-Ukrajna. Hija tistabbilixxi l-bażi għall-għoti ta' EUR 5 biljun oħra f'self tal-AMF b'termini konċessjonali ħafna. Jenħtieġ li dan jiġi segwit malajr mit-tielet pakkett ta' assistenza finanzjarja sa EUR 3 biljun oħra ladarba jkunu ġew determinati l-modalitajiet xierqa.

- (3) L-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna li bdiet fl-24 ta' Frar 2022 u l-gwerra li għaddejjja minn dak iż-żmien ikkawżaw telf ta' aċċess għas-suq u tnaqqis drastiku fid-dħul pubbliku, filwaqt li l-infiq pubbliku biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni umanitarja u biex tinżamm il-kontinwità tas-servizzi tal-istat żdied b'mod sinifikanti. F'din is-sitwazzjoni volatili u inċerta ħafna, l-aħjar stimi tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna mill-Fond Monetarju Internazzjonali jindikaw diskrepanza straordinarja fil-finanzjament ta' madwar USD 39 biljun fl-2022 li madwar nofshom jistgħu jiġu ssodisfati jekk l-appoġġ internazzjonali mwiegħed sa issa jiġi żborżat bis-sħiħ. L-għoti rapidu mill-Unjoni ta' dan it-tieni stadju fil-pakkett ta' assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, fiċ-ċirkostanzi straordinarji attwali, jitqies bħala rispons xieraq għal terminu qasir għar-riskji mdaqqa għall-istabbiltà makrofinanzjarja tal-pajjiż. Dan l-ammont ulterjuri ta' EUR 5 biljun f'assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali jappoġġa l-istabbilizzazzjoni makrofinanzjarja tal-Ukrajna, isaħħaħ ir-reżiljenza immedjata tal-pajjiż u jsostni l-kapaċità tiegħu lejn l-irkupru, u b'hekk jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku tal-Ukrajna u l-kapaċità tagħha li fl-aħħar mill-aħħar tkun f'pożizzjoni li tħallas lura l-obbligi finanzjarji tagħha.
- (4) Dan iċ-ċiklu ġdid ta' assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali se jagħmel kontribuzzjoni sinifikanti għall-finanzjament tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna kif stmat mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra, filwaqt li titqies il-kapaċità tagħha li tiffinanzja lilha nnifisha bir-riżorsi proprji tagħha. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi bilaterali u multilaterali, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fl-Ukrajna u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut l-impenn tal-awtoritajiet tal-Ukrajna li jikkooperaw mill-qrib mal-FMI dwar it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza għal żmien qasir u l-intenzjoni tagħhom li jaħdmu mal-FMI fuq programm ekonomiku xieraq meta l-kundizzjonijiet jippermettu. Programm bħal dan intalab formalment f'Awwissu 2022. L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li żżomm l-istabbiltà makrofinanzjarja u r-reżiljenza fiċ-ċirkostanzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji u l-oġettivi ewlenin tal-miżuri meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u politiki oħrajn rilevanti tal-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni tappoġġa l-politika esterna tal-Unjoni rigward l-Ukrajna. Jenħtieġ li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jaħdmu flimkien mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha sabiex jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u jiżguraw il-konsistenza tagħha.
- (6) Jenħtieġ li prekondizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni tkun li l-Ukrajna tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti, u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet

tal-bniedem. Il-kundizzjonijiet li għaddejjin bħalissa marbuta mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, u b'mod partikolari l-liġi marzjali attwali, jenħtieġ li ma jaffettwawx dawn il-prinċipji, minkejja l-konċentrazzjoni tal-poter fil-fergħa eżekuttiva.

- (7) Sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbuta mal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Ukrajna tadotta l-miżuri xierqa relatati mal-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta ma' dik l-assistenza, u l-ġlieda kontribom. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni twettaq verifiki, biex il-Qorti tal-Awdituri twettaq awditi u biex l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jeżerċita l-kompetenzi tiegħu.
- (8) L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni jenħtieġ li tkun marbuta ma' rekwiżiti ta' rappurtar u kundizzjonijiet ta' politika, li għandhom jiġu stabbiliti f'memorandum ta' qbil (MtQ). Ir-rekwiżiti robusti ta' rappurtar għandhom l-għan, fiċ-ċirkostanzi attwali tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li jiżguraw l-effiċjenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-użu tal-fondi. Il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom l-għan li jsaħħu r-reżiljenza immedjata tal-pajjiż u s-sostenibbiltà tad-dejn fit-tul tiegħu, u b'hekk inaqqsu r-riskji marbuta mal-ħlas lura tal-obbligi finanzjarji pendenti u futuri tiegħu.
- (9) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>.
- (10) Il-maturità medja massima tas-self skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 jenħtieġ li tkun ta' 25 sena.
- (11) Minħabba li s-self skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 jimplika l-istess riskji għall-baġit tal-UE u jenħtieġ li jkollu maturità medja massima komuni ta' 25 snin, l-ammont aggregat tal-assistenza makrofinanzjarja skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 lill-Ukrajna ta' EUR 6 biljun jenħtieġ li jkun kopert minn metodoloġija komuni għall-ġestjoni tal-implikazzjonijiet finanzjarji u baġitarji. B'mod partikolari, l-istess livell ta' kopertura baġitarja jenħtieġ li jiġi stabbilit bħala protezzjoni adegwata kontra l-possibbiltà li l-Ukrajna ma tħallasx lura s-self kollu jew parti minnu fiż-żmien skedat. Id-dispożizzjonijiet magħmula disponibbli mill-baġit tal-UE kontra ż-żewġ settijiet ta' self tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali jenħtieġ li jiġu ġestiti bħala sett integrat ta' dispożizzjonijiet. Dan se jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-flessibbiltà tal-baġit tal-UE b'reazzjoni għal kwalunkwe sitwazzjoni ta' nuqqas ta' pagament. Jenħtieġ għalhekk, li l-Artikolu 7(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 jiġi emendat skont dan.
- (12) L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tikkostitwixxi obbligazzjoni finanzjarja għall-Unjoni fil-volum ġenerali tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. L-ammont totali sa EUR 6 biljun ta' self eċċezzjonali ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna jenħtieġ li jibbenefika minn 9 % tal-proviżjonament imħallas disponibbli għal self ta' assistenza makrofinanzjarja skont il-

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Garanzija għall-Azzjoni Esterna. L-ammont ta' proviżjonament jenħtieġ li jiġi ffinanzjat mill-pakkett ipprogrammat għall-assistenza makrofinanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> għal ammont totali ta' proviżjonament ta' EUR 540 miljun. Jenħtieġ li dan l-ammont jiġi impenjat u mħallas fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni permezz tal-QFP 2021-27.

- (13) F'konformità mal-Artikolu 210(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Finanzjarju"), l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji jew assistenza finanzjarja mġarrba mill-baġit għandhom jitqiesu sostenibbli, jekk l-evoluzzjoni pluriennali prevista tagħhom tkun kompatibbli mal-limiti stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (UE), Euratom 2020/2093<sup>21</sup> li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312(2) TFUE u l-limitu massimu fuq l-appropriazzjonijiet ta' pagament annwali stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom<sup>22</sup>. Sabiex l-Unjoni tkun tista' tipprovdi appoġġ sostanzjali lill-Ukrajna permezz tal-AMF f'ammonti mingħajr preċedent b'mod finanzjarjament sikur, filwaqt li tippreżerva l-affidabbiltà għolja tal-kreditu tal-Unjoni u, għalhekk, il-kapaċità tagħha li twassal finanzjament effettiv fil-kuntest kemm tal-politiki interni kif ukoll dawk esterni tagħha, huwa essenzjali li l-baġit tal-Unjoni jiġi protett b'mod adegwat mill-materjalizzazzjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet kontinġenti u li jiġi żgurat li dawn ikunu finanzjarjament sostenibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 210(3) tar-Regolament Finanzjarju.
- (14) F'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, il-Fond ta' Proviżjonament Komuni jenħtieġ li jissaħħa b'mezzi proporzjonati għar-riskji li jirriżultaw mir-responsabbiltajiet kontinġenti marbuta ma' din l-assistenza makrofinanzjarja kbira b'mod mhux preċedenti lil benefiċjarju wieħed. Mingħajr tali tisħiħ, il-baġit tal-Unjoni ma jkunx jista' jipprovdi, għal raġunijiet finanzjarjament sikuri, l-assistenza kbira bla preċedent li l-ħtiġijiet relatati mal-gwerra jitolbu mill-Ukrajna. Sabiex jiġi protett il-baġit tal-Unjoni, is-self eċċezzjonali tal-AMF sa EUR 6 biljun lill-Ukrajna jenħtieġ li jibbenefika minn kopertura ta' 70 % permezz ta' proviżjonament imħallas (fil-livell ta' 9 %) issupplimentat b'garanziji nazzjonali biex tiġi pprovduta kopertura baġitarja għal telf sa 61 % oħra tal-valuri tas-self.
- (15) Ir-riżorsi skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 huma taħt pressjoni għolja fid-dawl tal-prijoritajiet ta' nfiq ġenerali tal-Unjoni. Għalhekk, huwa xieraq li tinstab soluzzjoni alternattiva għal riżorsi addizzjonali li ma taffettwax in-nefqa regolari prevista fl-ipprogrammar finanzjarju tal-QFP 2021-27.
- (16) Il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri fil-forma ta' garanziji ġew identifikati bħala għodda xierqa biex tiġi pprovduta l-protezzjoni lil hinn mill-proviżjonament imħallas inizjalment. Il-garanziji tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu provduti b'mod volontarju u jenħtieġ li jikkostitwixxu garanzija ta' kontinġenza komuni adatta biex jappoġġjaw il-

<sup>20</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/Union tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.

<sup>21</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 11).

<sup>22</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi propriji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105).

baġit tal-Unjoni, jekk id-dispożizzjonijiet tal-Fond ta' proviżjonament komuni (CPF) fir-rigward tal-obbligazzjonijiet finanzjarji taħt din id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 jiġu eżawriti. Il-kontribuzzjonijiet f'dawn il-garanziji jenħtieġ li jiġu inklużi fl-ammont ta' obbligazzjoni finanzjarja awtorizzata b'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju. Dawk l-ammonti jenħtieġ li jitqiesu għall-kalkolu tal-proviżjonament li jirriżulta mir-rata ta' proviżjonament imsemmija fl-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju, b'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 211(4) tar-Regolament Finanzjarju.

- (17) Il-garanziji pprovduti mill-Istati Membri jenħtieġ li jkopru s-self eċċezzjonali tal-AMF skont din id-deċiżjoni u s-self eċċezzjonali tal-AMF ta' EUR 1 biljun skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201. Jenħtieġ li dawn ikunu irrevokabbli, mingħajr kundizzjonijiet u b'talba. Jenħtieġ li dawn il-garanziji jiżguraw il-kapaċità tal-Unjoni li tħallas lura l-fondi mislufa fis-swieq kapitali jew mill-istituzzjonijiet finanzjarji. Jenħtieġ li dawn jissejħu biss meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet stretti, relatati mal-adeqgatezza tad-dispożizzjonijiet disponibbli, u f'każ li l-Unjoni ma tirċevix pagament mill-Ukrajna tas-self ta' assistenza makrofinanzjarja mogħti skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 fil-ħin biex jiġu ssodisfati l-obbligi finanzjarji tal-Unjoni minn bonds jew f'każ li l-iskeda ta' pagament tas-self mogħti skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 kellha tiġi modifikata. Jenħtieġ li ssir sejħa fuq il-garanziji tal-Istati Membri għal ammont li jikkorrispondi għall-ammont li jirriżulta minn telf fuq l-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u biex il-Fond ta' Proviżjonament Komuni jiġi rikostitwit għal-livell meħtieġ ta' proviżjonament imħallas. Is-sejħiet bil-garanziji tal-Istati Membri jenħtieġ li jsiru biss wara li l-ammont ta' proviżjonament inizjali mwarrab fir-rigward tal-AMF skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 jkun ġie eżawrit jew irid jiġi eżawrit. L-ammonti rkuprati skont il-ftehimiet ta' self fir-rigward tal-assistenza finanzjarja lill-Ukrajna skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 jenħtieġ li jiġu rimborżati lill-Istati Membri li jkunu onoraw it-talbiet għal ħlas ta' garanzija, b'deroga mill-Artikolu 211(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju.
- (18) F'każ li l-ħlas tal-obbligi finanzjarji tal-Unjoni li jirriżultaw minn bonds għall-assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 ġew issodisfati temporanjament mid-dispożizzjonijiet imwarrba fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni biex ikopru obbligazzjonijiet finanzjarji oħra tal-Unjoni, is-sejħa fuq il-garanziji tal-Istati Membri tista' tintuża għar-rikostituzzjoni tal-proviżjonament ta' dawk l-obbligazzjonijiet finanzjarji.
- (19) Minħabba n-natura eċċezzjonali tal-assistenza makrofinanzjarja appoġġata mill-garanziji, huwa xieraq li jiġu ġestiti d-dispożizzjonijiet miżmuma kontra l-obbligazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-assistenza makrofinanzjarja skont din id-Deċiżjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u għal kwalunkwe żborż wara l-15 ta' Lulju 2022 ta' self garantit skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>23</sup> separatament minn obbligazzjonijiet finanzjarji oħra skont il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u l-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Għalhekk, huwa propost li l-proviżjonament imwarrab fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni jintuża biss għal obbligazzjonijiet finanzjarji mill-assistenza makrofinanzjarja koperta minn din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201, minflok ir-regola ġenerali fl-Artikolu 31(6)

<sup>23</sup> Id-Deċiżjoni 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investment kontra telf minn operazzjonijiet ta' finanzjament li jappoġġaw proġetti ta' investment barra mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 135, 8.5.2014, p. 1).

tar-Regolament NDICI-GE<sup>24</sup>. Huwa propost ukoll li jintuża l-proviżjonament imwarrab fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni fir-rigward tas-self garantit skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE żborżat wara l-15 ta' Lulju 2022 għall-obbligazzjonijiet finanzjarji biss minn dak is-self u li jiġu applikati r-regoli tar-Regolament Finanzjarju għall-proviżjonament, minflok ir-regola ġenerali fl-Artikolu 31(8) tar-Regolament NDICI-GE. Dan jenħtieġ li jiġi kkomplementat bl-esklużjoni tal-proviżjonament imwarrab fir-rigward ta' din l-assistenza makrofinanzjarja mill-applikazzjoni tar-rata ta' proviżjonament effettiva, b'deroga mill-Artikolu 213 tar-Regolament Finanzjarju.

- (20) Is-sehem relattiv tal-kontribuzzjonijiet ta' kull Stat Membru (koeffiċjent tal-kontribuzzjoni) għall-ammont globali garantit jenħtieġ li jikkorrispondi għall-ishma relattivi tal-Istati Membri fl-introjtu nazzjonali gross totali tal-Unjoni. Jenħtieġ li s-sejthiet fuq il-garanzija jsiru *pro rata* u jkunu bbażati fuq dak il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni.
- (21) Jenħtieġ li l-Istati Membri jlestu l-proċeduri nazzjonali tagħhom biex il-garanziji jidħlu fis-seħħ bħala kwistjoni tal-akbar prijorità. Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, iż-żmien meħtieġ għat-tlestija ta' dawk il-proċeduri jenħtieġ li jdewwimx l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali meħtieġa b'mod urġenti lill-Ukrajna skont din id-Deċiżjoni. Is-self addizzjonali tal-AMF skont din id-Deċiżjoni se jiġi organizzat malajr mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, mal-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil u mal-iffirmar tal-Ftehim ta' Self.
- (22) Minħabba s-sitwazzjoni diffiċli tal-Ukrajna kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u biex tiġi appoġġata fit-triq tal-istabbiltà fit-tul tagħha, huwa xieraq li ssir deroga mill-Artikolu 220(5), il-punt (e) tar-Regolament Finanzjarju u li l-Unjoni jkollha l-possibbiltà li tkopri l-ispejjeż tar-rata tal-imgħax u li tirrinunzja l-ispejjeż amministrattivi lill-Ukrajna. Is-sussidju tar-rata tal-imgħax jenħtieġ li jingħata bħala strument meqjus xieraq biex tiġi żgurata l-effettività tal-appoġġ fis-sens tal-Artikolu 220(1) tar-Regolament Finanzjarju u jenħtieġ li jiġġarrab mill-baġit tal-Unjoni mill-inqas matul iċ-ċiklu attwali tal-QFP. Matul il-perjodu mill-2021 sal-2027 dan jenħtieġ li jinġarr mill-envelop imsemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/947.
- (23) L-Ukrajna tista' titlob is-sussidju tar-rata tal-imgħax u l-eżenzjoni mill-ispejjeż amministrattivi kull sena, sal-aħħar ta' Marzu. Sabiex ikun hemm flessibbiltà fil-ħlas lura tal-kapital, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi riportat is-self assoċjat kuntrattat f'isem l-Unjoni, b'deroga mill-Artikolu 220(2) tar-Regolament Finanzjarju.
- (24) Quddiem il-ħtiġijiet urġenti ta' finanzjament tal-Ukrajna, f'Lulju 2022 il-Kummissjoni Ewropea qablet dwar l-għoti ta' skop ġdid u l-iżborż ta' EUR 1,59 biljun oħra f'self tal-BEI lill-Ukrajna garantit taħt il-Mandat ta' Self Estern 2014-20 (ELM). Madankollu, billi dan huwa self lis-sovran Ukren (jew iggarantit minnu), dawn jinkorporaw l-istess livell ta' riskju bħas-self eċċezzjonali tal-AMF. Jenħtieġ li l-baġit tal-UE konsegwentement japplika l-istess approċċ prekawzjonarju għal dawn l-iskoperturi bħalma japplika għas-self tal-AMF l-ġdid. Għalhekk, din id-Deċiżjoni tapplika rata ta' proviżjonament ta' 70 % għall-EUR 1,59 biljun self tal-ELM bi skop

<sup>24</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009, ir-Regulation 2021/947 (ĠU L 209, 14.06.2021, p. 1).

ġdid kif ukoll għal kwalunkwe żborż ulterjuri ta' self tal-ELM lill-Ukrajna. Jenħtieġ li dik ir-rata ta' proviżjonament tapplika minflok ir-rata ta' proviżjonament li tirriżulta mit-tielet sentenza tal-paragrafu 8 tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/947. Il-proviżjonament ta' 70 % għall-iżborżi ta' self tal-ELM ta' EUR 1,59 biljun lill-Ukrajna se jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-UE.

- (25) Jenħtieġ li jsir rieżami regolari tal-proviżjonament għas-self tal-AMF u tal-ELM rispettivi kull sitt xhur, li jibda f'nofs l-2023 jew qabel jekk ikun xieraq. Dan ir-rieżami jenħtieġ li jivvaluta b'mod partikolari jekk is-sitwazzjoni tal-Ukrajna evolvietx b'mod li jiġġustifika żieda jew tnaqqis fir-rata ta' proviżjonament. Minbarra dan ir-rieżami regolari, il-Kummissjoni tista' tivvaluta mill-ġdid ir-rata ta' proviżjonament fuq bażi *ad hoc*, b'mod partikolari jekk tkun iġġustifikata minn avveniment rilevanti notevoli. Sabiex jiġi żgurat li r-rata ta' proviżjonament tibqa' adegwata għar-riskji finanzjarji, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rata ta' proviżjonament meta tkun iġġustifikata żieda jew tnaqqis fir-rata ta' proviżjonament. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
- (26) Minħabba li l-oġġettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li tingħata assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna bil-ħsieb li tappoġġa, b'mod partikolari, ir-reżiljenza u l-istabbiltà ekonomika tagħha, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fil-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-oġġettiv.
- (27) Fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, huwa meqjus xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (28) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## **Kapitolu I** **Għajnuna makrofinanzjarja eċċezzjonali**

### *Artikolu 1*

**Tqegħid għad-dispożizzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni**

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali għal ammont massimu ta' EUR 5 000 000 000 (il-“assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni”) bil-ħsieb li tappoġġa l-istabbiltà makrofinanzjarja tal-Ukrajna. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tingħata lill-Ukrajna fil-forma ta' self. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri d-diskrepanza fil-finanzjament tal-Ukrajna kif identifikata f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.
2. Sabiex tiffinanzja l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tissellef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u li sshellfom lill-Ukrajna. Is-self skont il-paragrafu 1 u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 flimkien għandu jkollhom maturità medja massima ta' 25 sena.
3. L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1) u matul il-perjodu ta' disponibbiltà definit fih, anki jekk il-garanziji stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Kapitolu II ta' din id-Deċiżjoni jkunu għadhom ma ġewx ipprovduti.
4. Jekk il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu tal-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni meta mqabbla mal-proġettazzjonijiet inizjali, il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tikkanċella l-ammont tal-assistenza.

## *Artikolu 2*

### **Prekundizzjoni għall-assistenza makrofinanzjarja**

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni għandha tkun li l-Ukrajna tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari multipartitika, u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja t-twettiq tal-prekundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari qabel ma jsiru l-iżborżi, filwaqt li tqis ukoll iċ-ċirkostanzi fil-post u l-konsegwenzi tal-applikazzjoni tal-liġi marzjali.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE<sup>25</sup>.

## *Artikolu 3*

### **Memorandum ta' Ftehim**

1. Il-Kummissjoni għandha taqbel mal-Ukrajna dwar il-kundizzjonijiet ta' politika li l-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni għandha tkun marbuta magħhom. Il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2). Dawk il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil.

---

<sup>25</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

2. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar li ġew adottati fil-kuntest tal-ewwel parti ta' din l-AMF eċċezzjonali għandhom jiġu inklużi fil-Memorandum ta' Qbil u għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-użu tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni.
3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni għandhom jiġu stipulati fi ftehim dwar is-self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna.
4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, f'intervalli regolari, l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' rappurtar u l-progress li jkun sar lejn l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati ta' dik il-verifika.

#### *Artikolu 4*

##### **Rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali**

1. Soġġett għar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja (AMF) eċċezzjonali tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni f'pagamenti rateali, u kull wieheċ minnhom għandu jkun jikkonsisti f'self. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar il-perjodu ta' żmien għall-iżborż ta' kull pagament rateali. Pagament rateali jista' jiġi żborżat f'parti waħda jew iktar.
2. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew il-qbil milħuqa bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna fil-Memorandum ta' Qbil (MtQ) imsemmi fl-Artikolu 3(1).
3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar ir-rilaxx tal-pagamenti rateali, skont il-valutazzjoni tagħha tar-rekwiżiti li ġejjin:
  - (a) ir-rispett għall-prekondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(1);
  - (b) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-obbligi ta' rappurtar miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil;
  - (c) għat-tieni pagament u għall-pagamenti sussegwenti, progress sodisfaċenti lejn l-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

Qabel ma jiġi żborżat l-ammont massimu tal-assistenza makrofinanzjarja, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-kundizzjonijiet ta' politika kollha miftiehma fil-MtQ ġew sodisfatti.

4. Meta r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 ma jiġux issodisfati, il-Kummissjoni għandha tissospendi temporanjament jew tħassar l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew it-tħassar.
5. L-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni għandha, fil-prinċipju, tiġi żborżata lill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu maqbula fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu żborżati lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Ukrajna bħala l-benefiċjarju aħħari.

## *Artikolu 5*

### **Operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti**

1. L-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 220 tar-Regolament Finanzjarju.
2. Fejn ikun meħtieġ, b'deroga mill-Artikolu 220(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tista' tirriporta t-teħid ta' self assoċjat ikkuntrattat f'isem l-Unjoni.

## *Artikolu 6*

### **Sussidju tar-rata tal-imgħax**

1. B'deroga mill-Artikolu 220(5)(e) tar-Regolament Finanzjarju, l-Unjoni tista' ġġarrab l-imgħax billi tagħti sussidju fuq ir-rata tal-imgħax u tkopri spejjeż amministrattivi relatati mal-għoti u teħid b'self, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż relatati mal-ħlas lura bikri tas-self, fir-rigward tas-self skont din id-Deċiżjoni.
2. L-Ukrajna tista' titlob is-sussidju tar-rata tal-imgħax u l-kopertura tal-ispejjeż amministrattivi mill-Unjoni sal-aħħar ta' Marzu ta' kull sena.
3. Il-pakkett imsemmi fl-Artikolu 6(2)(a), l-ewwel inċiż tar-Regolament (UE) 2021/947 għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż tal-pagamenti tal-imgħax relatati mal-assistenza makrofinanzjarja matul il-perjodu tal-2021-27 bħala sussidju tar-rata tal-imgħax.

## *Artikolu 7*

### **Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni, inklużi l-iżborżi tagħha u l-iżviluppi fl-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 5, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

## *Artikolu 8*

### **Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali**

Matul l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta mill-ġdid, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ukrajna, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza. Din il-valutazzjoni operazzjonali tista' titwettaq flimkien ma' dik prevista fid-Deċiżjoni (UE) 2022/1201.

## **Kapitolu II**

### **Tisħiħ tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni**

#### **Taqsim 1**

**Garanziji mill-Istati Membri għall-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni skont din id-Deċiżjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2021/1201**

## *Artikolu 9*

### **Kontribuzzjonijiet fil-forma ta' garanziji mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri jistgħu jikkomplementaw il-proviżjonament fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja miżmuma fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni, billi jipprovdu garanziji sal-ammont totali ta' EUR 3 660 000 000 fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali mill-Unjoni lill-Ukrajna bis-saħħa tal-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni u bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 ("l-AMF koperta").
2. Meta jsiru kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, dawn għandhom jiġu pprovduti fil-forma ta' garanziji irrevokabbli, mhux kundizzjonali u b'talba permezz ta' ftehim ta' garanzija konkluż mal-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 10.
3. Is-sehem relattiv tal-kontribuzzjoni tal-Istat Membru rilevanti għall-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jikkorrispondi għas-sehem relattiv ta' dak l-Istat Membru fl-introjtu nazzjonali gross totali tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-kolonna (1) tat-Tabella 4 tal-Parti A ("Finanzjament tal-baġit annwali tal-Unjoni, Introduzzjoni") tal-intestatura Dħul Ġenerali tal-baġit għall-2022 stabbilit fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2022, kif adottat fl-24 ta' Novembru 2021.
4. Il-garanziji għandhom isiru effettivi fir-rigward ta' kull Stat Membru mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 10 bejn il-Kummissjoni u dak l-Istat Membru.

#### *Artikolu 10*

#### **Ftehimiet ta' garanzija**

Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' garanzija ma' kull Stat Membru li jipprovdi garanzija skont l-Artikolu 9. Dak il-ftehim għandu jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw il-garanzija, li għandhom ikunu l-istess għall-Istati Membri kollha, inklużi, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet:

- (b) li jistabbilixxu l-obbligu tal-Istati Membri li jonoraw it-talbiet għall-ħlas ta' garanzija magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tal-AMF koperta, ladarba l-ammonti kumplessivi tal-proviżjonament inizjali mwarrba fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni fir-rigward tal-obbligazzjoni finanzjarja li jirriżultaw mill-AMF koperta jkunu ġew prelevati jew ikunu se jiġu prelevati;
- (c) li jiżguraw li t-talbiet għal garanzija għandhom isiru *pro rata* u għandhom ikunu bbażati fuq il-koeffiċjent tal-kontribuzzjoni msemmi fl-Artikolu 9(3);
- (d) li jipprovdu li t-talbiet għall-ħlas ta' garanzija jiżguraw l-abilità tal-Unjoni li tħallas lura l-fondi mislufa, skont l-Artikolu 1(2), fis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji wara nonpagament, anki mistenni, mill-Ukrajna, li jinkludi każijiet ta' modifika ta' skeda ta' pagamenti għal kwalunkwe raġuni;
- (e) li jiżguraw li it-talbiet għall-ħlas ta' garanzija jistgħu jintużaw għar-riforniment tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni għall-proviżjonament li jkun ġie prelevat fir-rigward tal-AMF koperta;
- (f) Li jiżguraw li Stat Membru li jkun naqas milli jonora talba għandu jibqa' obligat li jonoraha;
- (g) Fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-ħlas.

#### **Taqsim 2**

#### **Proviżjonament tal-AMF koperta u ta' xi obligazzjonijiet finanzjarji tal-ELM fl-Ukrajna**

## *Artikolu 11*

### **Proviżjonament tal-AMF koperta**

1. Għall-AMF, għandha tapplika rata ta' proviżjonament ta' 70 % minflok ir-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 31(5), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (UE) 2021/947.  
Madankollu, il-livell ta' proviżjonament imħallas fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni għandu jinżamm 9 % tal-obbligazzjoni pendenti mill-AMF koperta, u jekk jintuża jiġi rikostitwit għal 9 %, sakemm ikunu prelevati l-garanziji msemmija fl-Artikolu 9.
2. L-ammonti li jirriżultaw minn talbiet għal ħlas tal-garanziji msemmija fl-Artikolu 10 għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern għar-ripagament tal-obbligi finanzjarji mill-AMF koperta u għall-pagamenti għall-Fond ta' Proviżjonament Komuni f'konformità mal-Artikolu 21(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.
3. B'deroga mit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju, l-ammont ta' garanziji msemmija fl-Artikolu 9(1) għandu jiġi inkluż fl-ammont tal-obbligazzjoni finanzjarja awtorizzata. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 211(4) tar-Regolament Finanzjarju, l-ammonti ta' proviżjonament imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu għall-kalkolu tal-proviżjonament li jirriżulta mir-rata ta' proviżjonament fir-rigward tal-AMF koperta.
4. B'deroga mill-Artikolu 211(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju, ammonti rkuprati mill-Ukrajna fir-rigward tal-AMF koperta ma għandhomx jikkontribwixxu għall-proviżjonament sal-ammont tat-talba għal ħlas ta' garanzija onorat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(a). Dawk l-ammonti għandhom ikunu rimborżati lil dawk l-Istati Membri.

## *Artikolu 12*

### **Tisħiħ tal-proviżjonament fir-rigward ta' xi obbligazzjonijiet finanzjarji fl-Ukrajna garantiti bis-saħħa tad-Deċiżjoni 466/2014/UE**

B'deroga mit-tielet sentenza tal-Artikolu 31(8) tar-Regolament (UE) 2021/947, ir-rata ta' proviżjonament ta' 70 % għandha tapplika għall-ammonti ta' self żborżati wara l-15 ta' Lulju 2022 taħt l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-Bank Ewropew tal-Investment fl-Ukrajna ffirmati mill-Bank Ewropew tal-Investment qabel l-31 ta' Diċembru 2021 u ggarantiti mill-UE f'konformità mad-Deċiżjoni 466/2014/UE (“obbligazzjonijiet finanzjarji tal-ELM (External Lending Mandate) koperti fl-Ukrajna”) u l-Artikoli 211, 212 u 213 tar-Regolament Finanzjarju għandhom japplikaw, soġġett għall-Artikoli 13 u 14 ta' din id-Deċiżjoni. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju, sal-31 ta' Diċembru 2027 il-proviżjonament għandu jilħaq il-livell li jikkorrispondi mar-rata ta' proviżjonament applikata għall-ammont totali ta' obbligazzjonijiet pendenti minn obbligazzjonijiet finanzjarji tal-ELM koperti fl-Ukrajna.

## *Artikolu 13*

### **Valutazzjoni tal-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament u proċedura ta' rieżami**

1. Kull sitt xhur mit-30 ta' Ġunju 2023, u kull meta l-Kummissjoni tikkonkludi li raġunijiet jew avvenimenti oħra jindikaw il-ħtieġa li jsir dan, il-Kummissjoni

għandha tivvaluta jekk hemmx żviluppi ġodda li jista' jkollhom impatt fuq l-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament, inkluża r-rata tal-proviżjonament imħallas, imsemmija fl-Artikoli 11 u 12 b'mod dejjiemi u sinifikanti. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tidentifika l-preżenza ta' bidla sinifikanti sostnuta fil-profil tar-riskju tal-kreditu ta' dawn l-iskoperturi bl-użu tad-*data* ta' perjodu ta' mill-inqas sentejn.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Artikoli 11 u 12 biex taġġusta r-rata ta' proviżjonament permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 16, b'mod partikolari biex tirrifletti l-iżviluppi msemmija fil-paragrafu 1.

#### *Artikolu 14*

##### **Proviżjonament miżmum fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni**

1. Minflok ir-regola ġenerali fl-Artikolu 31(6) tar-Regolament (UE) 2021/947, l-obbligazzjoni finanzjarja mill-AMF koperta għandha tkun koperta separatament minn obbligazzjonijiet finanzjarji oħra bil-Garanzija għall-Azzjoni Esterna u l-proviżjonament imwarrab fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni fir-rigward tal-AMF koperta għandu jintuża biss għall-obbligazzjonijiet finanzjarji skont din id-Deċiżjoni u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201.

Minflok ir-regola ġenerali fl-Artikolu 31(8) tar-Regolament (UE) 2021/947, l-obbligazzjoni finanzjarja mill-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-ELM koperti fl-Ukrajna għandha tkun koperta separatament minn obbligazzjonijiet finanzjarji oħra fil-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna u l-proviżjonament imwarrab fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni fir-rigward tal-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-ELM koperti fl-Ukrajna għandu jintuża biss għall-obbligazzjonijiet finanzjarji skont din id-Deċiżjoni u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201.

2. B'deroga mill-Artikolu 213 tar-Regolament Finanzjarju, ir-rata ta' proviżjonament effettiva ma għandhiex tapplika għall-proviżjonament imwarrab fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni fir-rigward tal-AMF koperta u l-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-ELM koperti fl-Ukrajna.
3. B'deroga mill-Artikolu 213(4)(a) tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe surplus ta' proviżjonament imsemmi fl-Artikoli 12 għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju għall-programm ta' assistenza esterna li bis-saħħa tiegħu l-Ukrajna hija eliġibbli.

### **Kapitolu III Dispożizzjonijiet komuni**

#### *Artikolu 15*

##### **Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna minn kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## Artikolu 16

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 13(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-*data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni*.
3. Id-delega tas-setgħat imsemija fl-Artikolu 13(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 13(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## Artikolu 17

### Rapport Annwali

1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bħala parti mir-Rapport Annwali tagħha, valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu I ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Dan ir-rapport għandu:
  - (a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni;
  - (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ukrajna, kif ukoll l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet imsemija fl-Artikolu 3(1);
  - (c) jindika l-konnessjoni bejn ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil, is-sitwazzjoni makrofinanzjarja attwali tal-Ukrajna u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-pagamenti rateali tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali tal-Unjoni.
2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà, il-Kummissjoni tibgħat rapport ta' evalwazzjoni *ex post* lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-riżultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali mitmuma tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

**Kapitolu IV**  
**Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u dispożizzjoni finali**

*Artikolu 18*

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 hija emendata kif ġej:

1. It-tieni sentenza tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 1 hija sostitwita b'dan li ġej:  
“Is-self skont il-paragrafu 1 u skont id-Deċiżjoni [COM(2022) XXX-*din il-proposta*] flimkien għandu jkollhom maturità medja massima ta' 25 sena.”
2. Jitħassar l-Artikolu 7.

*Artikolu 19*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajjnuna makrofinanzjarja lill-Ukrajna.

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ta' ABM/ABB<sup>26</sup>

Qasam ta' politika: Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

#### 1.3. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>27</sup>

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

#### 1.4. Objettiv/Objettivi

##### 1.4.1. Objettiv/Objettivi ġenerali

“Spinta ġdida għall-impjiegi, it-tkabbir u l-investment: il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE”

##### 1.4.2. Objettiv speċifiku/Objettivi speċifiċi

Objettiv Speċifiku Nru

“Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE”

L-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernati

L-attivitajiet marbuta mad-DĠ ECFIN jappartjenu għal:

(a) L-appoġġ tal-istabbiltà makroekonomika u l-promozzjoni tar-riformi favur it-tkabbir mhux fl-UE, inkluż permezz ta' djalogi ekonomiċi regolari mas-sħab ewlenin u bl-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja; u

(b) L-appoġġ tal-proċess ta' tkabbir u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-viċinat u tat-tkabbir tal-UE u prijoritajiet oħra tal-UE ma' sħab billi ssir analiżi ekonomika u jiġu pprovduti valutazzjonijiet tal-politika u pariri.

##### 1.4.3. Riżultat/Riżultati u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

- Tipprovdi assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna bil-ħsieb li tagħti appoġġ għar-reżiljenza u l-istabbiltà ekonomika tagħha fiċ-ċirkostanzi tal-gwerra.

<sup>26</sup> ABM (activity-based management): immaniġġjar ibbażat fuq l-attività; ABB (activity-based budgeting): ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

<sup>27</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Tikkontribwixxi biex jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ukrajna għall-2022, fil-kuntest ta' deterjorament sinifikanti tal-kontijiet esterni tagħhom ikkawżati mill-invażjoni Russa mhux ipprovokata u mhux ġustifikata tal-Ukrajna.
- Ittaffi l-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji tas-sieħeb, bħala kontinwazzjoni tal-assistenza ta' emerġenza diġà pprovduta.
- Tappoġġa l-isforzi ta' riforma strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globala, isaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u jtejbju l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

#### 1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-awtoritajiet tal-Ukrajna se jkunu mitluba jirrapportaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi ekonomiċi u dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar inklużi fil-MtQ.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fl-Ukrajna, li tlestiet f'Ġunju 2020. Il-Kummissjoni se tagħmel it-tieni valutazzjoni operazzjonali matul l-implimentazzjoni tal-operazzjoni.

Fid-deċiżjoni leġiżlattiva proposta huwa previst rapport annwali tal-AMF lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti *ex post* dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara r-rilaxx tal-aħħar pagament rateali.

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

#### 1.5.1. Rekwiżit/Rekwiżiti li jrid/jridu jiġi/jiġu ssodisfat/ssodisfati f'terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

L-iżborż tal-assistenza jkun kundizzjonali fuq it-twertiq tal-prekundizzjonijiet politiċi elenkati f'Memorandum ta' Qbil bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Ukrajna. L-assistenza hija pplanata li tiġi żborżata f'bosta pagamenti rateali. Ir-rilaxx tal-pagamenti rateali jseħħ malajr wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta u d-dħul fis-seħħ tal-MtQ korrispondenti, u jsiru disponibbli minn hemm 'il quddiem.

L-assistenza tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet l-oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni jaqblu dwar Memorandum ta' Qbil li jstabbilixxi r-rekwiżiti ta' rapportar. Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u mal-awtoritajiet nazzjonali biex timmonitorja l-iżviluppi rilevanti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti u tal-kundizzjonijiet kif miftiehem fil-MtQ.

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Din il-proposta għal assistenza makrofinanzjarja sa EUR 5 biljun lill-Ukrajna hija parti mill-oġġettiv tal-UE li tipprovdi sa EUR 9 biljun f'appoġġ ta' likwidità fuq terminu qasir. Din il-proposta ssegwi u temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 dwar l-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna fl-ammont ta' EUR 1 biljun f'self, li ġie żborżat kompletament fil-bidu ta' Awwissu 2022. Din l-AMF issaħħaħ ukoll l-azzjonijiet mill-Unjoni għal appoġġ dirett umanitarju, ekonomiku u għad-difiża, kif ukoll l-inizjattivi tal-Unjoni biex tikkoordina azzjonijiet multilaterali, bħal “Stand up for Ukraine”. Min-natura tagħha stess, l-AMF hija wkoll katalizzatur għal riformi li jsaħħu r-reżiljenza tal-pajjiż fuq perjodu qasir u li jwasslu wkoll għal stabbiltà mtejba tul perjodu itwal ta' żmien. Dawn l-eżiti mistennija huma partikolarment rilevanti għall-Ukrajna f'dan il-mument kritiku.

L-għoti ta' aktar appoġġ lill-Ukrajna fil-forma ta' self, f'dan l-istadju, jista' jgħin lill-awtoritajiet tal-Ukrajna jegħlbu l-isfidi immedjati u l-iktar urġenti ta' finanzjament li jirriżultaw mit-twettiq tal-gwerra. Barra minn hekk, billi tappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet biex iżommu ambjent makrofinanzjarju stabbli, l-AMF proposta ssaħħaħ il-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-UE fl-Ukrajna u ttejjeb l-effettività ta' forom oħrajn ta' assistenza finanzjarja tal-UE lill-pajjiż, inklużi l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u l-għotjiet disponibbli permezz ta' strumenti finanzjarji esterni fil-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti għall-2021-2027.

Il-finanzjament tal-proġetti jew l-assistenza teknika la jkunu xierqa u lanqas suffiċjenti biex jindirizzaw l-oġġettivi makrofinanzjarji usa' ta' din l-AMF eċċezzjonali. Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF meta mqabbel ma' strumenti oħra tal-UE huwa li jtaffi malajr ir-restrizzjonijiet finanzjarji esterni u jgħin fl-iżgurar ta' qafas makrofinanzjarju stabbli kontinwu, inkluż bil-promozzjoni ta' bilanċ sostnut u sostenibbli tal-pagamenti u tas-sitwazzjoni baġitarja, f'qafas xieraq għar-rekwiżiti ta' rapportar. Billi tgħin biex jiġi żgurat qafas ta' politika ġenerali xieraq, l-AMF tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fl-Ukrajna permezz ta' strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE aktar iffokati.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

L-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja fis-sħab huma soġġetti għal evalwazzjoni *ex post*. Evalwazzjonijiet *ex post* tal-operazzjonijiet preċedenti tal-AMF lill-Ukrajna wrew li b'mod ġenerali kienu rilevanti ħafna f'termini tal-oġġettivi, tal-pakkett finanzjarju u tal-oġġettivi ta' politika tagħha.

Dawn urew li kienu kruċjali biex jappoġġaw lill-Ukrajna fl-indirizzar tal-problemi tagħha tal-bilanċ tal-pagamenti u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ewlenin biex tiġi stabbilizzata l-ekonomija u tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tagħha. Huma ppermettew ffrankar fiskali u benefiċċji finanzjarji, u aġixxew bħala katalist għal appoġġ finanzjarju addizzjonali u l-fiduċja tal-investituri. Il-pakkett ta' kundizzjonalità tal-AMF kien allinjat bis-sħiħ mal-programm tal-FMI relatat u ħoloq effett politikament rinforzanti li kkontribwixxa għall-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-Ukrajna madwar riformi essenzjali, speċjalment f'oqsma mhux koperti minn programmi internazzjonali oħra ta' donaturi.

#### *1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Fil-prinċipju, il-proviżjonijiet għall-assistenza makrofinanzjarja fil-QFP 2021-2027 huma mibnija bir-rata ta' 9 % għall-Fond ta' Proviżjonament Komuni stabbilit skont l-Artikolu 212 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba u fid-dawl tal-esponiment għar-riskju stmat bħalissa, huwa meħtieġ li tidħol fis-seħħ kopertura ta' 70 % tal-iskoperturi addizzjonali relatati mas-sitwazzjoni fl-Ukrajna. Il-baġit tal-UE se jipprovdi protezzjoni għall-ewwel telf għal 9 % tal-pakkett kollu ta' EUR 6 biljun f'self. Dan ikun msaħħaħ mill-garanziji tal-Istati Membri għal 61 % ulterjuri tal-valur tas- self.

Barra minn hekk, minħabba s-sitwazzjoni diffiċli tal-Ukrajna u biex tappoġġaha fit-triq lejn l-istabbiltà fit-tul tagħha, jenħtieġ li l-Unjoni jkollha l-possibbiltà li tkopri eċċezzjonalment l-ispejjeż tar-rata tal-imgħax u taħfer lill-Ukrajna l-ispejjeż amministrattivi. Is-sussidju fuq ir-rata tal-imgħax jenħtieġ li jitħallas mill-pakkett imsemmi fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(2)(a) tar-Regolament (UE) 2021/947 matul il-perjodu 2021-2027 tal-QFP.

Minbarra l-ġhoti ta' appoġġ dirett, f'Lulju 2022 il-Kummissjoni Ewropea qablet dwar l-ġhoti ta' skop ġdid għal EUR 1,59 biljun f'self tal-Mandat ta' Self Estern (External Lending Mandate, ELM) tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) lill-Ukrajna appoġġat minn garanziji mill-baġit tal-UE. Ammont ta' EUR 1,05 biljun għandu jitħallas mill-BEI matul it-tielet kwart tal-2022. EUR 536 miljun oħra f'self huma ppjanati li jiġu żborżati mill-BEI fl-2022-23 sabiex jgħinu fil-finanzjament tat-tkomplija ta' proġetti ta' investiment magħżula. Madankollu, billi dan huwa self lis-sovran Ukren (jew iggarantit minnu), dawn jinkorporaw l-istess livell ta' riskju bħas-self eċċezzjonali tal-AMF. Skont il-Ftehimiet ta' Garanzija tal-ELM, il-BEI għandu d-dritt li jitlob il-baġit tal-UE sal-ammont sħiħ ta' telf li jġarrab fuq dan is-self. Għalhekk jenħtieġ, li jiġi ċċarat li l-istess approċċ prekawzjonarju jenħtieġ li japplika għal dawn l-iskoperturi u li d-dispożizzjonijiet addizzjonali rilevanti jenħtieġ li jitqiegħdu f'kompartiment komuni speċifiku tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni (Common Provisioning Fund, CPF) iddedikat għall-Ukrajna. Din il-proposta għalhekk, tipprevedi l-estensjoni tar-rata ta' proviżjonament ta' 70 % għal dawn l-EUR 1,59 biljun ta' skopertura addizzjonali li tirriżulta minn self bi skop ġdid tal-BEI.

#### *Sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tal-Ukrajna, li tappoġġa riformi istituzzjonali, strutturali u ekonomiċi kif ukoll is-soċjetà ċivili. L-ġhoti ta' aktar appoġġ lill-Ukrajna fil-forma ta' self, f'dan l-istadju, jista' jgħin lill-awtoritajiet tal-Ukrajna jegħlbu sfidi sinifikanti ta' finanzjament li jirriżultaw mit-twettiq tal-gwerra. Barra minn hekk, billi tappoġġa l-isforzi tal-awtoritajiet biex iżommu ambjent makrofinanzjarju stabbli, l-AMF proposta ssaħħaħ il-valur miżjud tal-involviment kumplessiv tal-UE fl-Ukrajna u ttejjeb l-effettività ta' forom oħrajn ta' assistenza finanzjarja tal-UE lill-pajjiż, inklużi l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u l-ġhotijiet disponibbli permezz ta' strumenti finanzjarji esterni fil-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti għall-2021-2027. L-AMF proposta hija wkoll parti minn inizjattiva usa' ta' għajjnuna

u rikostruzzjoni tal-UE għall-Ukrajna u hija parti integrali mill-appoġġ internazzjonali ġenerali għall-Ukrajna<sup>28</sup>.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Bl-użu ta' self, din l-operazzjoni tal-AMF żżid l-effikaċja tal-baġit tal-UE permezz tal-effett ta' ingranaġġ u tipprovdi l-aktar għażla kosteffiċjenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq kapitali f'isem kemm l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Euratom bl-użu tal-garanzija tal-baġit tal-UE. L-għan huwa li jinkisbu fondi mis-suq bl-aħjar rati disponibbli minħabba l-istatus ta' kreditu tal-ogħla livell (klassifikat AAA minn Fitch, Moody's u DBRS, AA minn S&P, kollha bi prospettiva stabbli) tal-UE/Euratom u mbagħad issellifhom lil mutwatarji eliġibbli fil-kuntest ta' self permezz tal-EFSM, BtP, AMF u lill-proġetti tal-Euratom. It-teħid u għoti b'self jitwettqu b'operazzjoni spalla ma' spalla u b'hekk jiġi żgurat li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew tal-kambju. Il-mira li jinkisbu fondi bl-aħjar rati disponibbli għal attivitajiet ta' għoti u teħid b'self inkisbet minħabba li dawk ir-rati huma konformi ma' istituzzjonijiet pari (BEI, EFSM, u MES).

---

<sup>28</sup> Kif ippreżentat fil-Komunikazzjoni tat-18 ta' Mejju mill-Kummissjoni, [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/ukraine-relief-reconstruction\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/ukraine-relief-reconstruction_en.pdf).

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### durata limitata

- fis-seħħ minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY
- Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2022 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

### durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn YYYY sa YYYY,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod/Modi ta' ġestjoni ppjanat/ppjanati

### Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

### Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

### Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati minn liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati minn liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati b'din id-Deċizzjoni jiġu implimentati b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali.

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni jsir fuq il-bażi tal-miżuri speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Ukreni f'Memorandum ta' Qbil.

### 2.2. Sistema/Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod/modi ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/mekkaniżmi għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati b'din id-Deċizzjoni jiġu implimentati b'ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali.

L-iżborżi tal-AMF huma dipendenti fuq rieżamijiet b'suċċess, u marbuta mat-twettiq tal-prekundizzjonijiet politiċi marbuta mal-operazzjoni. Ir-rispett ta' dawn il-kundizzjonijiet huwa mmonitorjat mill-qrib mill-Kummissjoni.

#### 2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/sistemi ta' kontroll intern stabbilita/stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

##### *Riskji identifikati*

Hemm riskji politiċi, fiduċjarji u ta' politika marbutin mal-operazzjoni proposta tal-AMF.

Riskju ewlieni għall-operazzjoni jirriżulta mill-kontinwazzjoni tal-gwerra kkawżata mill-invażjoni Russa mhux ġustifikata u mhux ipprovokata tal-Ukrajna, li jista' jkollha impatt negattiv ulterjuri fuq l-istabbiltà makroekonomika tal-Ukrajna, li jaffettwa l-iżborż u/jew il-ħlas lura tal-AMF proposta.

Hemm ir-riskju li l-AMF tista' tintuża b'mod qarrieqi. Billi l-AMF ma hijiex imfassla għal spejjeż speċifiċi (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni fil-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna u fil-Ministeru tal-Finanzi, il-proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT u l-adekwatezza tal-kapaċitajiet ta' awditjar interni u esterni.

It-tielet riskju ġej mill-possibbiltà li l-Ukrajna tonqos milli tħallas l-obbligazzjonijiet finanzjarji lejn l-UE li jirriżultaw mis-self tal-AMF propost (riskju ta' inadempjenza jew kreditu) li jista' jkun ikkawżat, pereżempju, minn deterjorament addizzjonali sinifikanti tal-bilanċ tal-pagamenti u mal-pożizzjoni fiskali tas-sieħeb.

##### *Sistemi ta' kontroll intern*

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

Matul l-implimentazzjoni, il-Kummissjoni tivverifika perjodikament id-dikjarazzjonijiet tas-sieħeb. Il-pagament huwa soġġett għal (1) monitoraġġ mill-persunal tad-DĠ ECFIN u (2) il-

proċedura ta' kontroll normali prevista miċ-ċirkwit finanzjarju (mudell 2) użata fid-DĠ ECFIN. L-iżborż relatat ma' operazzjonijiet tal-AMF jista' jkun soġġett għal verifiki *ex post* addizzjonali u indipendenti (dokumentarji u/jew fil-post) minn uffiċjali tat-tim ta' kontroll *ex post* tad-DĠ. Dawn il-verifiki jistgħu jinbnew ukoll fuq talba tal-AOSD responsabbli. Interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti, korrezzjonijiet finanzjarji (implimentati mill-Kummissjoni) u rkupri jistgħu jitwettqu fejn meħtieġ (dan għadu ma seħħ qatt sa issa), u huma previsti b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' finanzjament mas-sħab.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Is-sistemi ta' kontroll fis-seħħ żguraw rata ta' errur effettiva ta' 0 % għall-pagamenti tal-AMF sa issa. Ma hemm l-ebda każ magħruf ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet tal-AMF għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-assigurazzjoni u tal-kisba tal-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-politika.

### **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Sabiex jimmitigaw ir-riskji tal-użu frodulentu ttieħdu u se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-Ftehim ta' Self se jinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Huwa previst ukoll li għadd ta' rekwiżiti ta' rapportar se jkunu marbuta mal-assistenza, bil-ħsieb li jissaħħu t-trasparenza u l-akkontabilità dwar l-użu tal-fondi. Ukoll, l-assistenza titħallas f'kont speċifiku fil-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna.

Barra minn hekk, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, is-servizzi tal-Kummissjoni jagħmlu Valutazzjoni Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Ukrajna biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-assistenza tal-programm, inkluża l-AMF, jipprovdu garanziji adegwati. Il-valutazzjoni preċedenti saret f'Ġunju tal-2020 u tkopri oqsma bħalma huma t-tnejn u l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-kontroll finanzjarju pubbliku intern, l-awditjar intern u estern, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-flus u d-dejn pubbliċi, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. Il-Kummissjoni tagħmel it-tieni Valutazzjoni Operazzjonali matul l-implimentazzjoni tal-operazzjoni eċċezzjonali proposta tal-AMF.

Fl-aħħar, l-assistenza tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja baġitarja/linji baġitarji tan-nefqa affettwata/affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja  | Tip ta' nefqa                   | Kontribuzzjoni                      |                                      |                    |   |
|---|--|---------------------------------|-------------------------------------|--------------------------------------|--------------------|---|
|   | Numru  | Diff./Mhux diff <sup>29</sup> . | mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>30</sup> | mill-pajjiżi kandidati <sup>31</sup> | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 6   | 14 02 01 11 “Viċinat tal-Lvant”  | Diff.                           | LE                                  | LE                                   | LE                 | LE  |
| 6   | 14 02 01 70 “NDICI – Ewropa Globali – Proviżjonament tal-Fond ta’ Proviżjonament Komuni” | Diff.                           | LE                                  | LE                                   | LE                 | LE  |

- Linji baġitarji ġodda mitluba - Mhux applikabbli

<sup>29</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>30</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>31</sup> Il-pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

|  |   |   |
|--|---|---|
| <b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b> | 6 | <b>Intestatura 6 - "Il-Viċinat u d-Dinja"</b> |
|--|---|---|

| DĠ: Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir                    |           |     | Sena<br>2021 | Sena<br>2022 | Sena<br>2023 | Sena<br>2024 | Sena<br>2025 | Sena<br>2026 | Sena<br>2027 | TOTAL        |
|---|-----------|-----|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|
| □ Appropriazzjonijiet operazzjonali AMF I <sup>32</sup> |           |     |              |              |              |              |              |              |              |              |
| Linja baġitarja <sup>33</sup>                           | Impenji   | (a) |              |              | 20,0         | 20,0         | 20,0         | 20,0         | 20,0         | <b>100,0</b> |
| 14 02 01 11 "Viċinat tal-Lvant" <sup>34</sup>           | Pagamenti | (b) |              |              | 20,0         | 20,0         | 20,0         | 20,0         | 20,0         | <b>100,0</b> |
| □ Appropriazzjonijiet operazzjonali (AMF II)            |           |     |              |              |              |              |              |              |              |              |
| Linja baġitarja   | Impenji   | (a) |              |              | 150,0        | 150,0        | 150,0        | 150,0        | 150,0        | <b>750,0</b> |
| 14 02 01 11 "Viċinat tal-Lvant" <sup>35</sup>           | Pagamenti | (b) |              |              | 150,0        | 150,0        | 150,0        | 150,0        | 150,0        | <b>750,0</b> |

<sup>32</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201

<sup>33</sup> Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

<sup>34</sup> Għandha tissaħħaħ mill-riżerva tal-Isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI, linja baġitarja 14 02 04.

<sup>35</sup> Għandha tissaħħaħ mill-riżerva tal-Isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI, linja baġitarja 14 02 04.

| □ Proviżjonament ta' EUR 1,586 biljun ta' żborżi ta' self tal-BEI taħt il-Mandat ta' Self Estiż   |           |           |                     |                     |                     |                     |                     |                     |                     |                |
|---|-----------|-----------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|---------------------|----------------|
| Linja baġitarja<br>14 02 01 70 . 05 "NDICI – Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni" (proviżjonament ta' 9 %)                | Impenji   | (a)       |                     |                     |                     |                     | 47,58               | 47,58               | 47,58               | <b>142,74</b>  |
|   | Pagamenti | (b)       |                     |                     |                     |                     | 47,58               | 47,58               | 47,58               | <b>142,74</b>  |
| Linja baġitarja<br>14 02 01 70 . 05 "NDICI – Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni" <sup>36</sup> (proviżjonament ta' 61 %) | Impenji   | (a)       |                     |                     |                     |                     | 322,48              | 322,48              | 322,48              | <b>967,46</b>  |
|   | Pagamenti | (b)       |                     |                     |                     |                     | 322,48              | 322,48              | 322,48              | <b>967,46</b>  |
| <b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ NEAR</b>   | Impenji   | Total (a) |                     |                     | <b>170,0</b>        | <b>170,0</b>        | <b>540,06</b>       | <b>540,06</b>       | <b>540,06</b>       | <b>1 960.2</b> |
|   | Pagamenti | Total (b) |                     |                     | <b>170,0</b>        | <b>170,0</b>        | <b>540,06</b>       | <b>540,06</b>       | <b>540,06</b>       | <b>1 960.2</b> |
| DĠ: ECFIN   |           |           |                     |                     |                     |                     |                     |                     |                     |                |
|   |           |           | Sena<br><b>2021</b> | Sena<br><b>2022</b> | Sena<br><b>2023</b> | Sena<br><b>2024</b> | Sena<br><b>2025</b> | Sena<br><b>2026</b> | Sena<br><b>2027</b> | <b>TOTAL</b>   |
| □ AMF I <sup>8</sup>  |           |           |                     |                     |                     |                     |                     |                     |                     |                |
| Linja baġitarja<br>14 02 01 70 . 06 "NDICI – Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni" <sup>37</sup>                           | Impenji   | (c)       | 27,3                | 62,7                |                     |                     |                     |                     |                     | <b>90,0</b>    |

<sup>36</sup> Għandha tissaħħaħ mill-riżerva tal-Isfidi u l-prijoritajiet emerġenti tal-NDICI, linja baġitarja 14 02 04.

<sup>37</sup> L-ammont tal-proviżjonament għas-self tal-AMF (9 %) li se jiġi impenjat u mħallas fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni fil-perjodu 2021-2027, soġġett għall-adozzjoni tal-baġits annwali.

|   |           |           |             |              |              |              |               |               |               |  |                |
|---|-----------|-----------|-------------|--------------|--------------|--------------|---------------|---------------|---------------|--|----------------|
|   | Pagamenti | (d)       |             |              |              | 81,2         | 8,8           |               |               |  | <b>90,0</b>    |
| □ AMF II  |           |           |             |              |              |              |               |               |               |  |                |
| Linja baġtarja<br>14 02 01 70 . 06 “NDICI - Proviżjonament tal-Fond ta’ Proviżjonament Komuni” <sup>38</sup>    | Impenji   | (c)       |             | 62,4         | 162,6        | 32,5         | 143,4         | 49,1          |               |  | <b>450,0</b>   |
|   | Pagamenti | (d)       |             |              |              |              | 91,2          | 300,0         | 58,8          |  | <b>450,0</b>   |
| □ Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi <sup>39</sup> |           |           |             |              |              |              |               |               |               |  |                |
| Linja baġtarja<br>14 20 03 . 01 Għotjiet tal-AMF  | Impenji   | (c)       |             | 0,15         |              |              | 0,15          |               |               |  | <b>0,3</b>     |
|   | Pagamenti | (d)       |             | 0,15         |              |              | 0,15          |               |               |  | <b>0,3</b>     |
| <b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ ECFIN</b>  | Impenji   | Total (c) | <b>27,3</b> | <b>125,2</b> | <b>162,6</b> | <b>32,5</b>  | <b>143,55</b> | <b>49,1</b>   |               |  | <b>540,3</b>   |
|   | Pagamenti | Total (d) |             | <b>0,15</b>  |              | <b>81,2</b>  | <b>100,15</b> | <b>300,0</b>  | <b>58,8</b>   |  | <b>540,3</b>   |
| <b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 6 tal-qafas finanzjarju</b>                                | Impenji   | = a+c     | <b>27,3</b> | <b>125,2</b> | <b>332,6</b> | <b>202,5</b> | <b>683,6</b>  | <b>589,19</b> | <b>540,06</b> |  | <b>2 500,5</b> |

<sup>38</sup> L-ammont tal-proviżjonament għas-self tal-AMF (9 %) li se jiġi impenjat u mħallas fil-Fond ta’ Proviżjonament Komuni fil-perjodu 2021-2027, soġġett għall-adozzjoni tal-baġits annwali.

<sup>39</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

|             |           |       |  |             |              |              |               |               |               |                |
|-------------|-----------|-------|--|-------------|--------------|--------------|---------------|---------------|---------------|----------------|
| pluriennali | Pagamenti | = b+d |  | <b>0,15</b> | <b>170,0</b> | <b>251,2</b> | <b>640,22</b> | <b>840,06</b> | <b>598,87</b> | <b>2 500,5</b> |
|-------------|-----------|-------|--|-------------|--------------|--------------|---------------|---------------|---------------|----------------|

|  |          |                                |  |  |  |  |  |  |  |  |
|--|----------|--------------------------------|--|--|--|--|--|--|--|--|
| <b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b> | <b>7</b> | <b>“Nefqa amministrattiva”</b> |  |  |  |  |  |  |  |  |
|--|----------|--------------------------------|--|--|--|--|--|--|--|--|

Din it-taqsimha jenħtieġ li timtela billi tintuża d-*“data baġitarja ta’ natura amministrattiva”* li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

|   |  | Sena<br>2022         | Sena<br>2023 | Sena<br>2024 | Sena<br>2025 | Sena<br>2026 | Sena<br>2027 | TOTAL        |  |
|---|--|----------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--|
| DĠ: ECFIN   |  |                      |              |              |              |              |              |              |  |
| <input type="checkbox"/> Riżorsi umani              |  | 0,848                | 0,424        | 0,424        | 0,072        | 0,072        | 0,072        | <b>1,912</b> |  |
| <input type="checkbox"/> Nefqa amministrattiva oħra |  | -                    | 0,06         | -            | -            | -            | -            | 0,06         |  |
| <b>TOTAL DĠ ECFIN</b>                               |  | 0,848                | 0,484        | 0,424        | 0,072        | 0,072        | 0,072        | <b>1,972</b> |  |
|   |  | Approprijazzjonijiet |              |              |              |              |              |              |  |

|   |   |       |       |       |       |       |       |              |
|---|---|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|
| <b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b> | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | 0,848 | 0,484 | 0,424 | 0,072 | 0,072 | 0,072 | <b>1,972</b> |
|---|---|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------------|

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

|  |         | Sena<br>2021 | Sena<br>2022 | Sena<br>2023 | Sena<br>2024 | Sena<br>2025 | Sena<br>2026 | Sena<br>2027 | TOTAL    |
|--|---------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|----------|
| <b>TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-</b> | Impenji | 27,3         | 126,098      | 333,084      | 202,924      | 683,672      | 589,262      | 540,132      | 2502,472 |

|  |           |  |  |       |         |         |         |         |         |          |
|--|-----------|--|--|-------|---------|---------|---------|---------|---------|----------|
| <b>INTESTATURI minn 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b> | Pagamenti |  |  | 0,998 | 170,484 | 251,624 | 640,292 | 840,132 | 598,942 | 2502,472 |
|--|-----------|--|--|-------|---------|---------|---------|---------|---------|----------|

### 3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pozzizzjonijiet deċimali)

| Indika l-objettivi u l-outputs | Tip <sup>40</sup>                          | Sena 2021 |       | Sena 2022 |       | Sena 2023 |       | Sena 2024 |       | Sena 2025 |        | Sena 2026 |        | Sena 2027 |        | TOTAL |       |            |
|--------------------------------|--|-----------|-------|-----------|-------|-----------|-------|-----------|-------|-----------|--------|-----------|--------|-----------|--------|-------|-------|------------|
|                                |  | OUTPUTS   |       |           |       |           |       |           |       |           |        |           |        |           |        |       |       |            |
|                                |  | Nru       | Spiża | Nru       | Spiża | Nru       | Spiża | Nru       | Spiża | Nru       | Spiża  | Nru       | Spiża  | Nru       | Spiża  | Nru   | Spiża | Nru totali |
|                                |  |           |       |           |       |           |       |           |       |           |        |           |        |           |        |       |       |            |
|                                | OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 <sup>41</sup> ... |           |       |           |       |           |       |           |       |           |        |           |        |           |        |       |       |            |
| - Output                       | Żborżi tal-għotja                          |           |       |           |       |           | 170,0 |           | 170,0 |           | 170,0  |           | 170,0  |           | 170,0  |       |       | 850        |
| - Output                       | Proviżjonament tal-Garanzija               |           | 27,3  |           | 125,2 |           | 162,6 |           | 32,5  |           | 513,46 |           | 419,16 |           | 370,06 |       |       | 1 650,2    |

<sup>40</sup> L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>41</sup> Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..."

|              |                              |  |             |          |              |  |              |          |               |  |               |  |               |  |               |                |
|--------------|------------------------------|--|-------------|----------|--------------|--|--------------|----------|---------------|--|---------------|--|---------------|--|---------------|----------------|
| - Output     | Valutazzjoni operazzjonali   |  |             | 1        | 0,15         |  |              |          |               |  |               |  |               |  | 1             | 0,15           |
| - Output     | Evalwazzjon i <i>ex post</i> |  |             |          |              |  |              | 1        | 0,15          |  |               |  |               |  | 1             | 0,15           |
| <b>TOTAL</b> |                              |  | <b>27,3</b> | <b>1</b> | <b>125,2</b> |  | <b>332,6</b> | <b>1</b> | <b>202,65</b> |  | <b>683,46</b> |  | <b>589,16</b> |  | <b>540,06</b> | <b>2 500,5</b> |

### 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- X Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta’ EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

|  | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL |
|--|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-------|
|--|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|-------|

| <b>INTESTATURA 7<br/>tal-qafas finanzjarju<br/>pluriennali</b>                   |              |              |              |              |              |              |              |
|--|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|
| Riżorsi umani  | 0,848        | 0,424        | 0,424        | 0,072        | 0,072        | 0,072        | <b>1,912</b> |
| Nefqa amministrattiva<br>oħra  | -            | 0,06         | -            | -            | -            | -            | 0,06         |
| <b>Subtotal tal-<br/>INTESTATURA 7<br/>tal-qafas finanzjarju<br/>pluriennali</b> | <b>0,848</b> | <b>0,484</b> | <b>0,424</b> | <b>0,072</b> | <b>0,072</b> | <b>0,072</b> | <b>1,972</b> |

| <b>Barra mill-<br/>INTESTATURA 7<sup>42</sup><br/>tal-qafas finanzjarju<br/>pluriennali</b> |  |  |  |  |  |  |  |
|---|--|--|--|--|--|--|--|
| Riżorsi umani   |  |  |  |  |  |  |  |
| Nefqa oħra ta’ natura<br>amministrattiva  |  |  |  |  |  |  |  |
| <b>Subtotal barra mill-<br/>INTESTATURA 7 tal-<br/>qafas finanzjarju<br/>pluriennali</b>    |  |  |  |  |  |  |  |

|              |              |              |              |              |              |              |              |
|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|
| <b>TOTAL</b> | <b>0,848</b> | <b>0,484</b> | <b>0,424</b> | <b>0,072</b> | <b>0,072</b> | <b>0,072</b> | <b>1,972</b> |
|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtiegħ, ma’ kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

<sup>42</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

### 3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

–  Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

|   | Sena<br>2022             | Sena<br>2023 | Sena<br>2024 | Sena<br>2025 | Sena<br>2026 | Sena<br>2027 | TOTAL |
|---|--------------------------|--------------|--------------|--------------|--------------|--------------|-------|
| <input type="checkbox"/> <b>Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</b> |                          |              |              |              |              |              |       |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)                            | 5,4                      | 2,7          | 2,7          | 0,45         | 0,45         | 0,45         | 12,15 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)  |                          |              |              |              |              |              |       |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta)   |                          |              |              |              |              |              |       |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta)   |                          |              |              |              |              |              |       |
| Linji baġitarji oħra (speċifika)  |                          |              |              |              |              |              |       |
| <input type="checkbox"/> <b>Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)<sup>43</sup></b>   |                          |              |              |              |              |              |       |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")  |                          |              |              |              |              |              |       |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)  |                          |              |              |              |              |              |       |
| <b>XX 01 xx yy zz</b> <sup>44</sup>   | - fil-Kwartieri Ġenerali |              |              |              |              |              |       |
|   | - fid-Delegazzjonijiet   |              |              |              |              |              |       |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)  |                          |              |              |              |              |              |       |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)  |                          |              |              |              |              |              |       |
| Linji baġitarji oħra (speċifika)  |                          |              |              |              |              |              |       |
| <b>TOTAL</b>  | 5,4                      | 2,7          | 2,7          | 0,45         | 0,45         | 0,45         | 12,15 |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

|                               |  |
|-------------------------------|--|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | <p>Direttur Dir. D: Iwettaq superviżjoni u jimmaniġġja l-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ), jinnegozja l-MtQ mal-awtoritajiet tal-Ukrajna, janalizza r-rapporti, imexxi missjonijiet u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kundizzjonalità.</p> <p>Kap tal-Unità/DKap tal-Unità Dir. D: Jassisti lid-Direttur fil-ġestjoni tal-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni ta' MtQ, jinnegozja l-MtQ u l-Ftehim għall-Faċilità ta' Self (flimkien mad-DĠ BAĠIT) mal-awtoritajiet tal-Ukrajna, janalizza r-rapporti u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kundizzjonalità.</p> <p>Ekonomisti, is-settur AMF (Dir. D): Iħejju d-Deċiżjoni u l-MtQ, jikkoordinaw mal-awtoritajiet u mal-IFIs, iwettqu missjonijiet ta' analiżi, jippreparaw rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni u proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-ġestjoni tal-assistenza, jikkoordinaw ma' esperti esterni għall-valutazzjoni operazzjonali u l-</p> |
|-------------------------------|--|

<sup>43</sup> AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f' Delegazzjonijiet.

<sup>44</sup> Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

|                 |   |
|-----------------|---|
|                 | <p>evalwazzjoni <i>ex post</i>.</p> <p>DĠ BAĠIT (Unitajiet E1, E3 taħt is-supervizzjoni tad-Direttur): Jipprepara l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (LFA), jinnegozjah mal-awtoritajiet tal-Ukrajna u jieħu ħsieb li jiġi approvat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni u ffirmat miż-żewġ partijiet. Isegwi d-dħul fis-seħħ tal-LFA. Iħejji d-deċiżjoni/deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjoni/tranżazzjonijiet ta' self, isegwi l-preżentazzjoni tat-Talba/Talbiet għal Fondi, jagħżel il-banek, iħejji u jeżegwixxi t-tranżazzjoni/tranżizzjonijiet ta' finanzjament u jiżborża l-fondi lill-Ukrajna. Iwettaq attivitajiet ta' back-office biex isegwi r-rimborż tas-self. Iħejji r-rapporti korrispondenti dwar dawn l-attivitajiet.</p> |
| Persunal estern | -   |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' terzi persuni*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn terzi persuni.

Il-proposta tinkludi kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri fil-forma ta' garanziji li ġew identifikati bħala għodda xierqa biex tiġi pprovduta l-protezzjoni lil hinn mill-proviżjonament tal-baġit tal-UE ta' 9 %. Il-kontribuzzjonijiet f'dawn il-garanziji jenħtieġ li jiġu inklużi fl-ammont ta' obligazzjoni finanzjarja awtorizzata b'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 211(1) tar-Regolament Finanzjarju. Jenħtieġ li l-ammonti ta' talbiet għal ħlas ta' garanzija jintużaw biex jissodisfaw l-obbligi finanzjarji tal-Unjoni mit-teħid tas-self u biex jimlew mill-ġdid il-Fond ta' Proviżjonament Komuni.

### 3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju